**Parlament Ewropew**

2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0023/2018**

6.2.2018

# RAPPORT

dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE
(2017/2015(INI))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Rapporteurs: Eleonora Forenza, Malin Björk

(Proċedura ta' kumitat konġunt – Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura)

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................ 3

NOTA SPJEGATTIVA ........................................................................................................ 24

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP ............................................................. 28

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ................ 35

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ....... 36

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE (2017/2015(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 8,10, 153(1), 153(2), 157 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 23 u 33 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2016 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (00337/16),

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2015 dwar l-Implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem – Is-Sitwazzjoni Attwali (SWD(2015)0144),

– wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-perjodu 2011-2020 anness mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011 (07166/2011),

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2015 dwar l-Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019 (SWD(2015)0278),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-2017 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2015 bit-titolu "Kummerċ għal Kulħadd – Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment",

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2017 bit-titolu "Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Politika Kummerċjali għal Kulħadd – It-Twettiq ta' Politika Kummerċjali Progressiva li Tisfrutta b'Mod Għaqli l-Globalizzazzjoni" (COM(2017)0491),

– wara li kkunsidra r-Regolament dwar l-SĠP (Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt (Regolament (UE) Nru 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi

[1] ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1.

obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli)[1],

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB), b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) li jipprojbixxi l-iskjavitù u s-servitù, u l-Artikolu 14 li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) tat-18 ta' Diċembru 1979,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing adottati mir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995, kif ukoll id-dokumenti ta' eżitu sussegwenti adottati waqt is-sessjonijiet speċjali tan-NU Beijing +5 (2000), Beijing +10 (2005) u Beijing +15 (2010),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), u l-Artikolu 3 tagħha li jiddefinixxi t-terminu "ġeneru" bħala "r-rwoli, l-imġibiet, l-attivitajiet u l-attributi mibnija soċjalment li soċjetà partikolari tikkunsidra xierqa għan-nisa u l-irġiel", u l-Konvenzjoni Inter-Amerikana dwar il-Prevenzjoni, is-Sanzjonar u l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa (il-Konvenzjoni ta' Belem do Pará) tal-1994,

– wara li kkunsidra l-istrateġija konġunta tal-2007 tal-UE u tal-Istati Membri tagħha bit-titolu "Għajnuna għall-Kummerċ: It-tisħiħ tal-appoġġ tal-UE għall-ħtiġijiet relatati mal-kummerċ f'pajjiżi li qed jiżviluppaw" u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2017 bit-titolu "Niksbu l-Prosperità permezz tal-Kummerċ u l-Investiment – Aġġornament tal-Istrateġija Konġunta tal-UE tal-2007 dwar Għajnuna għall-Kummerċ" (COM(2017)0667);

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015 bit-titolu "Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli),

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali,

– wara li kkunsidra l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli,

– wara li kkunsidra l-Qafas għal Politika ta' Investiment tal-UNCTAD għall-Iżvilupp Sostenibbli (2015),

– wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet ewlenin tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, inklużi l-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Ndaqs (Nru 100), il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol) (Nru 111), il-Konvenzjoni dwar il-Ħaddiema b'Responsabbilitajiet tal-Familja

[1] ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1.

(Nru 156) u l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Maternità (Nru 183),

– wara li kkunsidra l-Kapitolu 7 tal-Pjan ta' Azzjoni tas-Summit tal-UE-CELAC tal-Kapijiet ta' Stat tal-2015-2017, adottat fi Brussell, f'Ġunju 2015,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2006 dwar il-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fi ftehimiet tal-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Internazzjonali[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-Politika dwar il-Kummerċ Internazzjonali fil-kuntest tal-imperattivi marbuta mat-tibdil fil-klima[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2012 dwar ir-rwol tan-nisa fl-ekonomija ekoloġika[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar l-istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2016 dwar il-ħaddiema domestiċi nisa u n-nisa li jaħdmu fis-settur tal-kura fl-UE[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar il-faqar: perspettiva tas-sessi[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2017 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea 2014-2015[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar l-implementazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2010 tal-Parlament dwar l-istandards soċjali u ambjentali, id-drittijiet tal-bniedem u r-responsabbiltà korporattiva[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2017 dwar l-impatt tal-kummerċ internazzjonali u l-politiki kummerċjali tal-UE fuq il-katini ta' valur mondjali[10],

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2017 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna dwar in-negozjati rigward

---

[1] ĠU C 290E, 29.11.2006, p. 107.
[2] ĠU C 99E, 3.4.2012, p. 31.
[3] ĠU C 99E, 3.4.2012, p. 94.
[4] ĠU C 353E, 3.12.2013, p. 38.
[5] Testi adottati, P8_TA(2015)0128.
[6] Testi adottati, P8_TA(2016)0203.
[7] Testi adottati, P8_TA(2016)0235.
[8] Testi adottati, P8_TA(2017)0073.
[9] Testi adottati, P8_TA(2016)0298.
[10] Testi adottati, P8_TA(2017)0330.

il-modernizzazzjoni tal-pilastru tal-kummerċ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ċili[1],

– wara li kkunsidra "d-Dikjarazzjoni tal-Grupp ta' Tliet Presidenzi dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel" ippreżentata fid-19 ta' Lulju 2017 mill-Estonja, il-Bulgarija u l-Awstrija, l-Istati Membri li għandhom f'idejhom il-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea matul il-perjodu ta' 18-il xahar minn Lulju 2017 sa Diċembru 2018,

– wara li kkunsidra l-istudju mill-International Centre for Research on Women (Ċentru Internazzjonali għar-Riċerka fuq in-Nisa) bit-titolu "Trade liberalisation & women's reproductive health: linkages and pathways" (Il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u s-saħħa riproduttiva tan-nisa: konnessjonijiet u mogħdijiet),

– wara li kkunsidra r-Rapport dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem fl-Afrika tal-2016 bit-titolu "Accelerating Gender Equality and Women's Empowerment in Africa" (It-Tħaffif tal-Ugwaljanza Bejn is-Sessi u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa fl-Afrika)[2],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-OECD tal-2014 bit-titolu "Enhancing Women's Economic Empowerment through Entrepreneurship and Business Leadership in OECD Countries" (It-Tisħiħ tal-Emanċipazzjoni Ekonomika tan-Nisa permezz tal-Intraprenditorija u t-Tmexxija tan-Negozju fil-Pajjiżi tal-OECD)[3],

– wara li kkunsidra r-riżultati tad-dibattiti internazzjonali ta' livell għoli l-aktar reċenti dwar il-ġeneru u l-kummerċ, b'attenzjoni partikolari għal dawk organizzati taħt il-kappa tal-UE u tad-WTO/UNCTAD/ITC, inklużi, f'ordni kronoloġiku invers, il-"Forum Internazzjoni dwar in-Nisa u l-Kummerċ", li ġie organizzat b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u miċ-Ċentru Internazzjonali għall-Kummerċ (Brussell, Ġunju 2017)[4], is-sessjoni plenarja annwali tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO ddedikata għat-tema "Il-kummerċ bħala strument ta' progress soċjali: Il-perspettiva tal-ġeneru)" (Ġinevra, Ġunju 2016)[5] u s-sessjoni plenarja tad-WTO dwar it-tema "Liema futur għad-WTO?  Il-Kummerċ u l-Ġeneru: L-Emanċipazzjoni tan-Nisa permezz ta' Katini ta' Provvista Inklużivi" (Ġinevra, Lulju 2015)[6]

– wara li kkunsidra l-isforzi internazzjonali dejjem akbar biex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz ta' politiki kummerċjali, bħall-programm tal-UNCTAD dwar il-

---

[1] Testi adottati, P8_TA(2017)0354.
[2] UNDP, Rapport dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem fl-Afrika tal-2016, http://www.undp.org/content/dam/undp/library/corporate/HDR/Africa%20HDR/AfHDR_2016_lowres_EN.pdf?download.
[3] Rapport tekniku tal-OECD bit-titolu "Enhancing Women's Economic Empowerment through Entrepreneurship and Business Leadership in OECD Countries" (It-Tisħiħ tal-Emanċipazzjoni Ekonomika tan-Nisa permezz tal-Intraprenditorija u t-Tmexxija tan-Negozju fil-Pajjiżi tal-OECD), http://www.oecd.org/gender/Enhancing%20Women%20Economic%20Empowerment_Fin_1_Oct_2014.pdf.
[4] Forum Internazzjonali dwar in-Nisa u l-Kummerċ, Brussell, Ġunju 2017, http://trade.ec.europa.eu/doclib/press/index.cfm?id=1632.
[5] Konferenza parlamentari dwar id-WTO, Sessjoni Plenarja, "Il-kummerċ bħala strument ta' progress soċjali: Il-perspettiva tal-ġeneru" (), Ġinevra, Ġunju 2016, https://www.wto.org/english/forums_e/parliamentarians_e/ipuconf2016_e.htm.
[6] Sessjoni tad-WTO "Liema futur għad-WTO? Il-Kummerċ u l-Ġeneru: L-Emanċipazzjoni tan-Nisa permezz ta' Katini ta' Provvista Inklużivi", Ġinevra, Lulju 2015, https://www.wto.org/english/tratop_e/devel_e/a4t_e/global_review15prog_e/global_review15prog_e.htm.

ġeneru u l-iżvilupp[1] (li jinkludi studji dwar l-impatt tal-kummerċ fuq in-nisa, pakkett ta' tagħlim dwar il-kummerċ u l-ġeneru, u taħriġ online dwar il-ħolqien tal-istatus ta' "gender champions" (promoturi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri) u l-14-il qasam ta' ħidma tal-Bank Dinji li, sa mill-2016, jinkludu lkoll strateġija dwar il-ġeneru ;

– wara li kkunsidra d-dokument tematiku taċ-Ċentru Internazzjonali għall-Kummerċ u għall-Iżvilupp Sostenibbli (ICTSD) bit-titolu "The Gender Dimensions of Global Value Chains" (Id-Dimensjonijiet tal-Ġeneru tal-Katini ta' Valur Mondjali) (Settembru 2016)[2],

– wara li kkunsidra d-dokument tematiku tal-ICTSD bit-titolu "The Gender Dimensions of Services" (Id-Dimensjonijiet tal-Ġeneru tas-Servizzi) (Settembru 2016)[3],

– wara li kkunsidra r-Rapport tan-NU dwar in-Nisa bit-titolu "Progress of the world's women 2015-2016. Transforming economies, realising rights"(Il-Progress tan-nisa fid-dinja 2015-2016: It-trasformazzjoni tal-ekonomiji, it-twettiq tad-drittijiet)[4],

– wara li kkunsidra d-dokument ta' pożizzjoni ta' WIDE+ dwar il-ġeneru u l-politika kummerċjali tal-UE bit-titolu "How to transform EU trade policy to protect women's rights" (Kif il-politika kummerċjali tal-UE tista' tiġi ttrasformata biex tipproteġi d-drittijiet tan-nisa")[5],

– wara li kkunsidra l-istudju tiegħu tal-2016 bit-titolu "Gender Equality in Trade Agreements" (L-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Ftehimiet Kummerċjali)[6],

– wara li kkunsidra l-istudju tiegħu tal-2015 bit-titolu "The EU's Trade Policy: from gender-blind to gender-sensitive?' (Il-politika kummerċjali tal-UE: flok tibqa' indifferenti għall-kwistjonijiet tal-ġeneru tibda tikkunsidrahom?)[7],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra d-deliberazzjonijet konġunti tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi kif ukoll l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0023/2018),

A. billi l-Artikolu 8 tat-TFUE jiddikjara li, fl-azzjonijiet kollha tagħha, interni jew esterni, l-Unjoni Ewropea għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi u tinkoraġġixxi l-

---

[1] Sit web tal-UNCTAD, http://unctad.org/en/Pages/DITC/Gender-and-Trade/Trade,-Gender-and-Development.aspx.
[2] Id-dokument tematiku taċ-Ċentru Internazzjonali għall-Kummerċ u għall-Iżvilupp Sostenibbli (ICTSD) bit-titolu "The Gender Dimensions of Global Value Chains" (Id-Dimensjonijiet tal-Ġeneru tal-Katini ta' Valur Mondjali) (Settembru 2016), https://www.ictsd.org/sites/default/files/research/the_gender_dimensions_of_global_value_chains_0.pdf.
[3] https://www.ictsd.org/sites/default/files/research/the_gender_dimensions_of_services.pdf.
[4] http://progress.unwomen.org/en/2015/pdf/unw_progressreport.pdf.
[5] https://wideplus.org/2017/06/25/wide-gender-and-trade-position-paper-is-available/.
[6] http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2016/571388/IPOL_STU(2016)571388_EN.pdf.
[7] http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2015/549058/EXPO_IDA(2015)549058_EN.pdf.

ugwaljanza bejn il-ġeneri u tiġġieled id-diskriminazzjoni, fost l-oħrajn, fuq il-bażi ta' sess, meta tkun qed tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha;

B. billi l-politika kummerċjali tista' sservi ta' għodda għall-promozzjoni tal-valuri mondjali u Ewropej, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi l-ftehimiet u l-politika tal-UE fil-qasam tal-kummerċ u tal-investiment mhumiex newtrali fir-rigward tal-ġeneru, jiġifieri jolqtu lin-nisa u l-irġiel b'mod differenti kaġun ta' inugwaljanzi strutturali; billi n-nisa jiffaċċjaw restrizzjonijiet speċifiċi għall-ġeneru, bħal aċċess limitat għar-riżorsi u kontroll ristrett fuq l-istess riżorsi, id-diskriminazzjoni legali u l-piż żejjed marbut mat-twettiq ta' xogħol ta' ndukrar bla ħlas minħabba rwoli tradizzjonali tal-ġeneru;

C. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tikkonċerna lin-nisa u lill-irġiel bl-istess mod; billi l-parteċipazzjoni u s-sħubija bejn il-partijiet interessati pubbliċi u privati, fil-livelli internazzjonali kif ukoll lokali, huma essenzjali għall-promozzjoni tas-sinerġiji meħtieġa biex jinkisbu l-ugwaljanza bejn l-ġeneri u l-emaċipazzjoni tan-nisa, u biex issir sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet bħalma huma: id-drittijiet ta' proprjetà; l-aċċess għall-finanzi, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; l-imġiba korporattiva; l-akkwist pubbliku; id-distakk diġitali; u l-preġudizzju kulturali;

D. billi l-politiki kummerċjali għandhom l-għan li jiksbu, fost l-oħrajn, l-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u ġust li hemm bżonn biex jiġu żgurati t-tnaqqis tal-faqar, il-ġustizzja soċjali, xogħol deċenti u kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar kemm għan-nisa u kemm għall-irġiel, kif ukoll biex jiġu salvagwardati d-drittijiet tan-nisa; billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet ma għandhomx jiġu integrati biss fost l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) kollha tan-NU, iżda huma ukoll għan indipendenti; billi l-aġenda tal-SDGs tirrikonoxxi li l-kummerċ jikkontribbwixxi għall-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli u ġust u jista' tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ogħla standards internazzjonali tax-xogħol u tal-ambjent kif ukoll id-drittijiet tal-bniedem; billi l-politika kummerċjali tal-UE tifforma parti importanti mill-qafas tal-SDGs, u perspettiva tal-ġeneru b'saħħitha tirrappreżenta element essenzjali ta' dak il-qafas, li għandu l-għan li jiggarantixxi eżiti aktar ġusti u benefiċi għal kulħadd; billi l-politika kummerċjali tista' twessa' wkoll l-opprtunitajiet għall-intraprenditorija fost in-nisa u l-aċċess għall-apprendistati u l-impjiegi;

E. billi r-relazzjoni kumplessa bejn il-kummerċ internazzjonali u l-ġeneru titlob fehim profond tal-forzi inkwistjoni, flimkien mal-identifikazzjoni, l-analiżi u l-monitoraġġ tad-dinamika ekonomika u soċjali meħtieġa biex tiżviluppa politika kummerċjali effiċjenti mmirata lejn  żvilupp ekonomiku li jippromwovi wkoll l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi l-politika kummerċjali għalhekk trid tikkunsidra l-impatti diretti u indiretti tagħha fuq il-ġeneru, kif ukoll il-kuntesti lokali speċifiċi, sabiex tevita li tirriproduċi jew tiggrava d-distakki u l-isterjotipi li jeżistu b'rabta mal-ġeneru, kif ukoll sabiex issaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri b'mod proattiv; billi s-suċċess tal-politika kummerċjali għandu jiġi evalwat ukoll fuq il-bażi ta' jekk din għandhiex impatt pożittiv u ndaqs kemm fuq in-nisa kif ukoll fuq l-irġiel;

F. billi l-iżvilupp ekonomiku u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri spiss imorru id f'id; billi hemm fehim wiesa' li s-soċjetajiet fejn l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri huma aktar baxxi għandhom tendenza li jikbru b'pass aktar mgħaġġel;

G. billi l-impatt tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fuq l-individwi jiddependi wkoll mil-

lokalità ġeografika tagħhom kif ukoll mis-settur ekonomiku li fih huma attivi; billi hemm differenzi importanti kemm bejn il-pajjiżi kif ukoll fi ħdanhom, f'termini ta' strutturi ta' produzzjoni, ta' rati ta' parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol kif ukoll ta' reġimi ta' assistenza soċjali; billi n-nisa jiffurmaw il-maġġoranza tal-ħaddiema f'setturi bħal dak tal-manifattura tal-ħwejjeġ u t-tessuti, it-telekomunikazzjoni, it-turiżmu, l-ekonomija tal-indukrar u l-agrikoltura, fejn it-tendenza hi li jkun hemm konċentrazzjoni akbar ta' nisa milli rġiel f'forom ta' impjieg formali u informali b'paga baxxa jew bi status baxx; billi dan il-fatt jista' jwassal għal abbużi fuq il-post tax-xogħol kif ukoll għal diskriminazzjoni, għal segregazzjoni bejn il-ġeneri fit-tipi ta' impjiegi u ta' attivitajiet, għal diskrepanzi bejn il-ġeneri fil-pagi u fil-kundizzjonijiet ta' impjieg, kif ukoll għal restrizzjonijiet speċifiċi għall-ġeneru fl-aċċess għar-riżorsi produttivi, għall-infrastruttura u għas-servizzi; billi l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) jistgħu jwasslu għal bidliet direzzjonali u għal telf ta' impjiegi, partikolarment fis-setturi relatati mal-esportazzjoni fejn in-nisa spiss jiffurmaw il-maġġoranza tal-forza tax-xogħol; billi għaldaqstant il-valutazzjonijiet dwar il-ġeneru speċifiċi għall-pajjiż u speċifiċi għas-settur iwasslu għal valur miżjud importanti fit-tfassil ta' ftehimiet kummerċjali;

H. billi fl-2011 fl-UE, madwar wieħed minn kull disa' impjiegi (11 %) li kienu jokkupaw in-nisa fl-UE kienu jiddependu mill-esportazzjoni;

I. billi, skont studju tal-Kummissjoni tal-2017, kważi 12-il miljun mara fl-UE għandhom impjiegi li jiddipendu mill-esportazzjoni ta' oġġetti u servizzi lejn il-bqija tad-dinja[1];

J. billi, skont studji bbażati fuq il-fatti, l-UNCTAD tinsisti li għandha tenfasizza l-limitazzjonijiet li n-nisa jiffaċċjaw biex jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-kummerċ, li jirriżultaw minn fatturi bħan-nuqqas ta' taħriġ tekniku għal impjiegi aħjar, in-nuqqas ta' servizzi pubbliċi għall-mitigazzjoni tar-responsabbiltajiet domestiċi, u l-aċċess limitat għar-riżorsi u l-kontroll ristrett fuq l-istess riżorsi, inklużi l-kreditu u l-art, l-informazzjoni kif ukoll in-netwerks; billi, abbażi ta' dan, l-UNCTAD tirrakkomanda li l-evalwazzjonijiet jindirizzaw l-impatt potenzjali tal-politiki kummerċjali fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa f'oqsma bħall-impjiegi, in-negozji ż-żgħar, il-prezzijiet, il-produttività fl-agrikoltura, l-agrikoltura ta' sussistenza u l-migrazzjoni[2];

K. billi l-politika kummerċjali attwali tal-UE u l-istrateġija ta' "Kummerċ għal Kulħadd" tagħha huma bbażati fuq tliet prinċipji ewlenin: l-effikaċja, it-trasparenza u l-valuri, iżda tonqoshom perspettiva dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi l-Kummissjoni, fir-rieżami tagħha tal-istrateġija ta' Għajnuna għall-Kummerċ, ġeddet u espandiet l-impenn tagħha favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa, billi ddikjarat li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhijiex biss dritt fundamentali tal-bniedem, iżda hi wkoll element kruċjali għall-iżvilupp ekonomiku, billi tisfrutta kemm jista' jkun il-firxa wiesgħa ta' għodod ta' politika tal-UE disponibbli sabiex tkabbar l-impatt globali tagħhom fuq it-tkabbir u fuq it-tnaqqis tal-faqar; billi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet inklużi fis-CEDAW, l-UE għandha tipprovdi l-bażi għall-kisba tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel billi tiżgura lin-nisa aċċess indaqs u opportunitajiet

[1] http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/june/tradoc_155632.pdf.
[2] Implementing gender-aware *ex ante* evaluations to maximize the benefits of trade reforms for women (L-implimentazzjoni ta' evalwazzjonijiet *ex ante* konxji dwar il-ġeneru biex jiġu massimizzati l-benefiċċji tar-riformi kummerċjali għan-nisa), http://unctad.org/en/PublicationsLibrary/presspb2016d7_en.pdf.

indaqs fil-ħajja politika, ekonomika u pubblika kif ukoll fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fl-impjiegi;

L. billi n-nisa, bħala impendituri, konsumaturi, ħaddiema u ħaddiema informali potenzjali, huma affettwati mill-kummerċ u mill-ftehimiet kummerċjali; billi hemm bżonn kruċjali ta' rikonoxximent u fehim aħjar tal-impatti speċifiċi għall-ġeneru tal-politika kummerċjali sabiex jingħataw risponsi ta' politika adegwati; billi, biex jintlaħaq dan il-għan, hemm bżonn li tiġi żviluppata metodoloġija adegwata li tiżgura li l-impatti possibbli tal-politika u tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa jiġu dejjem evalwati; billi l-Kummissjoni għandha twettaq riċerka kwantitattativa diżaggregata skont il-ġeneru fis-setturi individwali, fost l-oħrajn, in-negozju, ix-xjenza u t-teknoloġija; billi s'issa l-UE kkonkludiet ftehimiet kummerċjali mingħajr ma wettqet valutazzjonijiet dwar l-impatt tagħhom fuq in-nisa u fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi l-Kummissjoni ħabbret li Ftehim ta' Assoċjazzjoni modernizzat bejn iċ-Ċilì u l-UE se jinkludi, għall-ewwel darba għall-UE, kapitolu speċifiku dwar il-ġeneru u l-kummerċ;

M. billi l-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru u d-drittijiet tan-nisa mhumiex ikkunsidrati biżżejjed fil-valutazzjonijiet tal-impatt sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali;

N. billi valutazzjoni *ex ante* dwar l-implikazzjonijiet tal-politiki kummerċjali fuq il-ġeneri tista' tikkontribwixxi għall-emanċipazzjoni u l-benessri tan-nisa u fl-istess ħin tista' tgħin biex timmitiga d-diskrepanzi eżistenti u biex tevita żieda fl-inugwaljanza bejn il-ġeneri;

O. billi r-rieżami tal-ftehimiet multilaterali u bilaterali attwali tal-UE jindika li 20 % tal-ftehimiet ma' sħab kummerċjali mhux Ewropej jagħmlu referenza għad-drittijiet tan-nisa, u li 40 % ta' dawn il-ftehimiet jinkludu referenzi intiżi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi r-referenzi għall-promozzjoni tal-emanċipazzjoni tan-nisa f'dawn il-ftehimiet huma prevalentement volontarji u, jekk ikunu vinkolanti, ma jkunux jistgħu jiġu infurzati fil-prattika; billi studju reċenti mill-Kummissjoni jindika distakk persistenti bejn il-ġeneri f'termini ta' opportunitajiet ta' aċċess għall-impjiegi; billi l-istudju jindika li l-emanċipazzjoni tan-nisa tista' tkabbar il-PDG globali bl-ammont ta' USD 28 biljun sal-2025 u li hija essenzjali kemm minn perspettiva ekonomika u soċjali kif ukoll mill-perspettiva tal-qerda tal-faqar minħabba r-rwol tan-nisa fil-komunitajiet;

P. billi, kemm fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw kif ukoll fil-pajjiżi żviluppati, l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) jikkostitwixxu l-akbar parti tas-settur privat u l-maġġoranza vasta tal-impjiegi; billi, skont iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Kummerċ (ITC), l-MSMEs flimkien jirrappreżentaw 95 % tad-ditti kollha fil-livell globali, madwar 50 % tal-PDG globali u aktar minn 70 % tal-impjiegi totali; billi sa 40 % tal-MSMEs kollha huma proprjetà tan-nisa, filwaqt li 15 % biss tad-ditti esportaturi huma mmexxija min-nisa; billi, madankollu, iċ-ċifri tal-OECD jindikaw li l-intraprendituri nisa spiss għadhom jaqilgħu bejn 30 % u 40 % anqas mill-kontropartijiet irġiel tagħhom[1];

[1] Rapport ta' sfond tal-OECD "Enhancing Women's Economic Empowerment through Entrepreneurship and Business Leadership in OECD Countries" (It-Tisħiħ tal-Emanċipazzjoni Ekonomika tan-Nisa permezz tal-

Q. billi d-dibattitu u r-reazzjoni pubbliċi madwar l-Ewropa dwar in-negozjati kummerċjali, bħas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP), il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn l-UE u l-Kanada (CETA) u l-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TiSA), indikaw il-bżonn ta' negozjati trasparenti u inklużivi, li jikkunsidraw it-tħassib qawwi espress miċ-ċittadini Ewropej f'bosta pajjiżi; billi l-politika kummerċjali tal-UE ma għandha tbaxxi l-ebda wieħed mill-istandards tal-UE, u billi s-servizzi pubbliċi għandhom dejjem jiġu esklużi min-negozjati kumerċjali; billi kwalunkwe mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu jiġi ddisinjat biex jiggarantixxi l-kapaċità tal-gvernijiet individwali li jirregolaw fl-interess pubbliku u li jaqdu l-objettivi ta' politika pubblika; billi hu mistenni li jsir progress f'oqsma kritiċi oħra ta' tħassib, bħat-tisħiħ tal-obbligi ta' responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR) tal-kumpaniji fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; billi, fil-kuntest ta' katini ta' valur mondjali, hemm bżonn ta' approċċ olistiku globali għar-responsabbiltà korporattiva fir-rigward tal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem;

R. billi l-Linji Gwida tan-NU dwar l-intrapriżi, il-kummerċ u d-drittijiet tal-bniedem jorbtu lill-Istati kollha u lill-intrapriżi kollha, indipendentement mid-daqs, is-settur, il-lokalizzazzjoni, is-sjieda jew l-istruttura tagħhom;

S. billi l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea, li ġiet adottata mill-Kunsill fl-2016, tafferma li d-drittijiet tal-bniedem iridu jkunu integrati b'mod sistematiku fis-setturi kollha ta' politika u fl-istituzzjonijiet kollha, inkluż fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali u tal-politika kummerċjali;

T. billi l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP) għandha l-għan, fost l-oħrajn, li tikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar u li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll il-governanza tajba; billi l-SĠP+ jinkludi kundizzjonalità li għandha l-għan li tiżgura r-ratifika u l-implimentazzjoni ta' 27 konvenzjoni internazzjonali – dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-ħarsien tal-ambjent u l-governanza tajba – minn pajjiżi eliġibbli li qegħdin jiżviluppaw; billi huwa kruċjali li l-implimentazzjoni tagħhom tiġi mmonitorjata fuq bażi regolari, sabiex tittieħed azzjoni meta jkun meħtieġ u sabiex tingħata attenzjoni partikolari lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi s-CEDAW hija waħda mill-konvenzjonijiet rilevanti taħt l-SĠP+;

U. billi aktar minn 40 % tax-xogħol agrikolu fin-Nofsinhar Globali jsir min-nisa;

V billi l-espansjoni tal-kummerċ mondjali u l-integrazzjoni tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fil-katini ta' valur mondjali (GVCs) jistgħu jġibu magħhom ir-riskju li joħolqu inugwaljanzi bejn il-ġeneri meta jintużaw biex jiġu manifatturati prodotti li jkunu ekonomikament aktar kompetittivi; billi permezz tagħhom iċ-ċaqliq ta' bosta ħaddiema nisa mis-settur informali lejn is-settur formali sar ukoll possibbli; billi r-regoli tal-oriġini saru dejjem aktar importanti fil-kuntest tal-GVCs, fejn il-produzzjoni tkun mifruxa fost diversi pajjiżi; billi regoli tal-oriġini aktar ċari u definiti aħjar jistgħu joħolqu qafas immirat lejn l-istabbiliment ta' trasparenza u responsabbiltà sħaħ tul il-katini ta' provvista, u dan jista' jħalli impatt pożittiv fuq in-nisa, partikolarment dawk li jaħdmu fis-settur tal-ħwejjeġ;

---

Intraprenditorija u t-Tmexxija tan-Negozji fil-Pajjiżi tal-OECD) (2014) http://www.oecd.org/gender/Enhancing%20Women%20Economic%20Empowerment_Fin_1_Oct_2014.pdf

W. billi dawn l-opportunitajiet il-ġodda ta' impjiegi għan-nisa relatati mal-kummerċ fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-introjtu tal-unitajiet domestiċi u għat-tnaqqis tal-faqar;

X. billi s-settur tal-ħwejjeġ prinċipalment jimpjega nisa; billi hu importanti li jiġi mfakkar li, f'Settembru 2012, 289 persuna mietu f'nirien f'Karachi, il-Pakistan, li, fl-istess sena, nirien fil-fabbrika Tazreen Fashions, fil-Bangladesh, ikkawżaw il-mewt ta' 117-il persuna u l-feriment ta' aktar minn 200 ħaddiem, kif ukoll li l-falliment strutturali tar-Rana Plaza, anke din fil-Bangladesh, fl-2013, irriżulta fil-mewt ta' 1 129 vittma u fil-feriment ta' madwar 2 500 persuna; billi dawn kollha kienu fabbriki tal-ħwejjeġ;

Y. billi l-maġġoranza tal-ħaddiema fiż-żoni ta' pproċessar għall-esportazzjoni (EPZs) huma nisa; u billi, f'ċerti pajjiżi, l-EPZs huma eżentati mil-liġijiet tax-xogħol lokali, jipprojbixxu jew jillimitaw l-attività trejdunjonistika u ma jipprovdux rimedju legali lill-ħaddiema, dan kollu bi ksur ċar tal-istandards ewlenin tal-ILO;

Z. billi s-setturi pubbliċi u privati, is-soċjetà ċivili (partikolarment l-organizzazzjonjiet għad-drittijiet tan-nisa), is-sħab soċjali u t-trejdunjins għandhom l-għarfien u l-potenzjal biex iwettqu rwol kruċjali fit-tiswir u fil-monitoraġġ tal-politika kummerċjali, u fil-ġbir ta' data li tista' toffri informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li n-nisa jiffaċċjaw fir-rigward tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, bil-għan li jiġu msaħħa d-drittijiet tan-nisa, l-emaċipazzjoni ekonomika tagħhom u l-promozzjoni tal-intraprenditorija tan-nisa;

AA. billi avvenimenti bħall-Forum Internazzjonali dwar in-Nisa u l-Kummerċ li ġie organizzat mill-Kummissjoni fid-29 ta' Ġunju 2017 jippermettu lil bosta partijiet interessati ekonomiċi kif ukoll lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili jiskambjaw u jnedu inizjattivi dwar l-impatt tal-kummerċ fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

AB. billi l-pjattaformi multilaterali u l-fora intergovernattivi, bħall-SDGs tan-NU u l-Women20 (W20), huma kruċjali biex jitrawmu diskussjoni u azzjoni relatati mal-ġeneru fost l-esperti, u biex tiġi pprovduta bażi tajba għall-bini ta' kunsens;

AC. billi s-servizzi pubbliċi, is-servizzi ta' interess ġenerali attwali u futuri, u s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (inklużi, iżda mhux biss, l-ilma, is-sanità, is-saħħa, l-indukrar, is-servizzi soċjali, is-sistemi tas-sigurtà soċjali, l-edukazzjoni, il-ġestjoni tal-iskart u t-trasport pubbliku) għandhom jiġu esklużi min-negozjati dwar kwalunkwe ftehim kummerċjali konkluż mill-UE u mill-kamp ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe ftehim ta' dan it-tip; billi l-Kummissjoni impenjat lilha nnifisha biex tiżgura li dawn is-servizzi jibqgħu kompetenza tal-Istati Membri u li l-gvernijiet ma jistgħux jiġu obbligati jipprivatizzaw kwalunkwe servizz, u lanqas ma ma jistgħu jiġu mċaħħda milli jiddefinixxu, jirregolaw, jipprovdu u joffru servizzi fl-interess ġenerali u fi kwalunkwe ħin;

AD. billi l-kummerċ fis-servizzi u l-akkwist pubbliku jistgħu jaffettwaw lin-nisa b'mod sproporzjonat, u billi l-akkwist pubbliku jibqa' strument li jippermetti lill-gvernijiet iħallu impatt pożittiv fuq gruppi żvantaġġjati ta' persuni, speċjalment in-nisa; billi l-privatizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa u tal-iindukrar tirriskja li żżid l-inugwaljanza u tista' tħalli impatt negattiv fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' bosta nisa; billi numru ogħla mill-medja ta' nisa huma impjegati fis-servizzi pubbliċi jew fis-settur tas-servizzi pubbliċi u, bħala utenti ta' dawn is-servizzi, huma jiddependu aktar mill-irġiel minn

servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja u li jkunu affordabbli, aċċessibbli u xprunati mid-domanda, b'mod partikolari fir-rigward ta' servizzi soċjali bħall-indukrar tat-tfal u l-kura ta' persuni dipendenti; billi t-tnaqqis fl-unitajiet domestiċi nazzjonali u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi, kif ukoll iż-żidiet fil-prezzijiet, għandhom it-tendenza li jpoġġu dan il-piż kważi esklussivament fuq in-nisa, u billi konsegwentement dan jostakola l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

AE. billi s-sistema tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (DPI) tikkontribwixxi għall-ekonomija tal-UE bbażata fuq l-għarfien; billi d-dispożizzjonijiet dwar id-DPI relatati mal-privattivi li jipprojbixxu l-produzzjoni ta' mediċini ġeneriċi jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq ir-rekwiżiti partikolari tas-saħħa tan-nisa; billi n-nisa, aktar mill-irġiel, jiddependu mill-aċċess affordabbli għall-kura tas-saħħa u l-mediċini kif ukoll mid-disponibbiltà tagħhom, speċjalment fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom kif ukoll id-drittijiet relatati; billi l-aċċess għall-mediċini fil-pajjiżi mhux tal-UE ma għandux jiġi kkontestat fuq il-bażi tal-protezzjoni tad-DPI;

AF. billi d-deċiżjonijiet dwar il-kummerċ u l-ftehimiet kummerċjali sa ċertu punt biss isiru minn nisa, peress li t-timijiet tan-negozjati, il-parlamenti u l-gvernijiet għadhom 'il bogħod milli jiksbu bilanċ bejn il-ġeneri; billi l-bilanċ bejn il-ġeneri f'dawn l-istituzzjonijiet mhux biss jista' jwassal għal integrazzjoni aħjar ta' kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, iżda jista' jżid ukoll il-leġittimità demokratika fit-teħid ta' deċiżjonijiet;

AG. billi mhux qed jiġu allokati biżżejjed riżorsi umani fi ħdan il-Kummissjoni u s-SEAE biex tiġi żgurata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-politiki kummerċjali tal-UE u, b'mod partikolari, fil-proċess sħiħ ta' negozjati kummerċjali;

AH. billi l-Kummissjoni, meta tkun qed taħdem fuq il-qafas legali ta' oqsma relattivament ġodda tal-politika kummerċjali, bħall-kummerċ elettroniku, għandha sa mill-bidu tikkunsidra l-impatt tagħhom fuq ir-rwoli tal-ġeneru, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ammont ta' xogħol bla ħlas;

AI. billi ġie ppruvat li l-kummerċ fil-minerali ta' kunflitt għandu rabta diretta mal-ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-istupru u l-vjolenza sesswali fuq in-nisa u l-bniet, it-tħaddim tat-tfal u l-iskjavitù, kif ukoll l-ispostamenti tal-massa;

### *I. Tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kummerċ: kunsiderazzjonijiet ġenerali u objettivi*

1. Jisħaq fuq il-fatt li l-UE għandha l-obbligu li tmexxi politika kummerċjali bbażata fuq il-valuri, li tkun tinkludi l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol u tal-ambjent, kif ukoll ir-rispett tal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; ifakkar li l-ftehimiet kummerċjali tal-UE kollha jridu jinkludu kapitolu ambizzjuż u infurzabbli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD); jisħaq fuq il-fatt li l-impenji kummerċjali fil-ftehimiet tal-UE qatt ma għandhom iħassru d-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tan-nisa jew il-ħarsien tal-ambjent, u għandhom jikkunsidraw l-ambjent lokali, soċjali u ekonomiku;

2. Ifakkar li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija stabbilita sew fil-politiki kollha tal-UE, kif iddikjarat fl-Artikolu 8 tat-TFUE; jinnota li dan l-Artikolu jistipula li "fl-azzjonijiet

kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġġixxi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa"; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-koerenza bejn il-politiki differenti, bħal dawk dwar il-kummerċ, l-iżvilupp, l-agrikoltura, l-impjiegi, il-migrazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

3. Jisħaq fuq il-fatt li l-politiki kummerċjali internazzjonali ġusti u inklużivi jirrikjedu qafas ċar li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-kundizzjonijiet ta' għajxien u ta' xogħol tagħhom, għat-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, għall-ħarsien tal-ambjent u għat-titjib tal-ġustizzja soċjali, is-solidarjetà internazzjonali u l-iżvilupp ekonomiku internazzjonali;

4. Jisħaq fuq il-fatt li l-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku ta' benefiċċju reċiproku trid tkun l-iskop globali tal-politika kummerċjali; ifakkar li filwaqt li l-politika kummerċjali tista' tippromwovi valuri oħrajn li l-Unjoni Ewropea qiegħda tixpruna fl-arena multilaterali, jeżistu limitazzjonijiet sa fejn il-kwistjonijiet globali jistgħu jiġu solvuti permezz tal-politika kummerċjali u tal-ftehimiet kummerċjali;

5. Jinsisti li l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' ftehimiet kummerċjali għandha tippromwovi l-istandards u l-istrumenti ġuridiċi rilevanti fuq skala internazzjonali, inklużi dawk dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bħas-CEDAW, il-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing, il-Konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO u l-SDGs;

6. Jisħaq fuq il-fatt li l-impenji kummerċjali fil-ftehimiet tal-UE qatt ma għandhom iħassru d-drittijiet tal-bniedem; jilqa' l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, u jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jfasslu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali bi qbil mal-Prinċipji Gwida tan-NU b'kunsiderazzjoni tad-drittijiet tan-nisa u tal-ħtieġa li tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni tuża n-negozjati kummerċjali biex tinkoraġġixxi lis-sħab kummerċjali tal-UE jadottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali proprji; jappoġġa n-negozjati li għaddejjin biex jinħoloq strument vinkolanti tan-NU dwar il-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħrajn fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq fuq l-importanza li l-UE tinvolvi ruħha b'mod attiv f'dan il-proċess intergovernattiv u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu lis-sħab kummerċjali biex jipparteċipaw b'mod kostruttiv f'dawn in-negozjati;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sħab kummerċjali tal-UE jirrispettaw l-Artikoli 16 u 17 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem bħala mezz li bih jiġu miġġielda l-inugwaljanzi abbażi tal-ġeneru fil-qasam tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi;

8. Ifakkar li l-Istati Membri biss għandhom il-kompetenza li jirregolaw u jreġġgħu lura l-liberalizzazzjoni tas-servizzi ta' interess ġenerali, u għalhekk jistedinhom jipproteġu l-għanijiet fundamentali, bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, is-saħħa pubblika, u l-istandards soċjali u ambjentali;

9. Jenfasizza l-bżonn li l-gvernijiet iżommu l-kapaċità tagħhom li jallokaw riżorsi għall-kisba tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bil-għan li s-soċjetajiet jiġu garantiti futur inklużiv u sostenibbli; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza assoluta tar-rispett, bi qbil mal-objettiv nru 17.15 tal-SDGs, tal-ispazju politiku demokratiku tal-pajjiżi sħab biex jirregolamentaw u jieħdu deċiżjonijiet adegwati skont il-kuntest

nazzjonali tagħhom, biex jirrispondu għall-eżiġenzi tal-popolazzjonijiet tagħhom u biex jonoraw l-obbligi tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-impenji internazzjonali l-oħrajn, fosthom dawk dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

10. Ifakkar li stieden lill-Kummissjoni ttemm is-sistema ta' soluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati (ISDS), u jissottolinja li kwalunkwe mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu jiġi ddisinjat bil-għan li jiggarantixxi l-kapaċità tal-gvernijiet individwali biex jirregolaw fl-interess pubbliku u biex iservu l-għanijiet ta' politika pubblika, inklużi l-miżuri għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll drittijiet aktar b'saħħithom tax-xogħol, tal-ambjent u tal-konsumaturi;

11. Jinnota li d-dispożizzjonijiet dwar id-DPI fin-negozju spiss ikollhom impatt fuq is-saħħa pubblika u fuq ir-rekwiżiti partikolari tas-saħħa tan-nisa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw li d-dispożizzjonijiet dwar id-DPI fil-ftehimiet kummerċjali jikkunsidraw b'mod xieraq id-drittijiet tan-nisa, partikolarment fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq is-saħħa tan-nisa, inkluż l-aċċess affordabbli għall-kura tas-saħħa u għall-mediċini; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippromwovu l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi (IĠ) bħala għodda ta' importanza partikolari għall-emanċipazzjoni tan-nisa fiż-żoni rurali; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jikkunsidraw mill-ġdid l-estensjoni tal-protezzjoni għal prodotti mhux agrikoli, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-UE diġà qablet li tipproteġi prodotti IĠ mhux agrikoli fl-FTAs;

12. Ifakkar li l-SDGs jirrikjedu data diżaggregata skont il-ġeneru sabiex jippermettu li jiġi segwit il-progress imwettaq fil-kisba tal-għanijiet kollha, inkluż l-SDG 5 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jisħaq fuq l-indisponibbiltà ta' data adegwata dwar l-impatt tal-kummerċ fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jappella għall-ġbir ta' ammont suffiċjenti u adegwat ta' data diżaggregata skont il-ġeneru dwar l-impatt tal-kummerċ; jisħaq fuq il-fatt li din id-data tagħmilha possibbli li tiġi stabbilita metodoloġija b'indikaturi ċari u li jistgħu jitkejlu fil-livelli reġjonali, nazzjonali u settorjali, li tiġi mtejba l-analiżi u li jiġu definiti l-għanijiet li għandhom jintlaħqu kif ukoll il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li n-nisa u l-irġiel jibbenefikaw indaqs mill-kummerċ; jissottolinja li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-analiżi kwantitattiva u kwalitattiva, diżaggregata skont il-ġeneru, fir-rigward tal-evoluzzjoni tax-xogħol, is-sjieda ta' assi kif ukoll l-inklużjoni finanzjarja f'setturi li l-kummerċ kellu impatt fuqhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkoopera mal-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali bħall-Bank Dinji, in-Nazzjonijiet Uniti, l-OECD u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), kif ukoll mal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika, bil-għan li jitjiebu l-ġbir u d-disponibbiltà ta' tali data; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex fil-valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* u *ex post* tagħhom jinkludu l-impatt tal-politika u tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE fuq il-ġeneru skont il-pajjiż u skont is-settur; jisħaq fuq il-fatt li r-riżultati tal-analiżi ffokata fuq il-ġeneru għandhom jitqiesu fin-negozjati kummerċjali – b'kunsiderazzjoni kemm tal-impatt pożittiv kif ukoll dak negattiv matul il-proċess kollu, mill-istadju tan-negozjati sal-implimentazzjoni tagħhom – u għandhom jiġu akkumpanjati minn miżuri għall-prevenzjoni jew għall-kumpens tal-effetti negattivi possibbli;

## *II. Tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kummerċ: kunsiderazzjonijiet u għanijiet settorjali*

13. Jissottolinja li s-servizzi ta' interess ġenerali u s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali – inklużi, iżda mhux biss, l-ilma, is-servizzi soċjali, is-sistemi tas-sigurtà soċjali, l-edukazzjoni, il-ġestjoni tal-iskart, it-trasport pubbliku u l-kura tas-saħħa – iridu jibqgħu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tan-negozjati kummerċjali u jridu jaqgħu taħt il-kompetenza tal-gvernijiet tal-Istati Membri; iħeġġeġ lill-UE tiżgura li t-trattati kummerċjali u ta' investiment ma jwasslux għall-privatizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi li jistgħu jkollhom impatt fuq in-nisa, kemm bħala fornituri ta' servizzi kif ukoll bħala utenti ta' servizzi, u b'hekk iżidu l-inugwaljanza bejn il-ġeneri; jisħaq fuq il-fatt li l-kwistjoni tal-forniment pubbliku tas-servizzi soċjali hija ta' rilevanza partikolari għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, peress li l-bidliet fl-aċċess għal tali servizzi u fil-miżati għall-użu ta' tali servizzi, kif ukoll il-kwalità tagħhom, jistgħu jwasslu għal distribuzzjoni mhux omoġenja mil-lat tal-ġeneru f'xogħol ta' ndukrar mhux imħallas; jirrimarka li l-gvernijiet u l-awtoritajiet nazzjonali u lokali jeħtiġilhom iżommu d-dritt sħiħ kif ukoll il-kapaċità sħiħa li jintroduċu, jirregolaw, jadottaw, iżommu jew jirrevokaw kwalunkwe miżura fir-rigward tal-ikkummissjonar, l-organizzazzjoni, il-finanzjament u l-forniment ta' aċċess universali għal servizzi ta' interess ġenerali u għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali;

14. Jisħaq fuq il-fatt li l-politika kummerċjali tista' tħalli impatt fuq l-aċċess għal servizzi tas-saħħa essenzjali, u għalhekk tista' tinfluwenza l-aċċess għall-objettivi dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, kif ukoll il-progress ta' tali objettivi fil-politiki, il-programmi u s-servizzi; jenfasizza, għalhekk, li l-kura tas-saħħa bażika – partikolarment l-aċċess għal servizzi tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi – għandha tiġi eżentata min-negozjati kummerċjali u jinnota li din taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri;

15. Jappella għal miżuri vinkolanti, infurzabbli u effikaċi biex jiġi miġġieled l-isfruttament, u biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tan-nisa fl-industriji orjentati lejn l-esportazzjoni, f'konformità mal-objettiv għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tan-nisa fil-pajjiżi u fis-setturi ta' tħassib, partikolarment fis-setturi tal-ħwejjeġ, tat-tessuti u fis-setturi agrikoli, sabiex jiġi evitat li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tikkontribwixxi għal prekarjetà tad-drittijiet tax-xogħol u għal żieda fid-diskrepanzi fil-pagi bejn il-ġeneri; jemmen li miżuri bħal dawn, kif ukoll l-istabbiliment ta' definizzjonijiet komuni, għandhom jippermettu azzjoni aktar ċara u kkoordinata aħjar ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħalma huma n-NU, id-WTO, l-ILO u l-OECD; jivvalorizza l-Patt dwar is-Sostenibbiltà ta' Bangladesh bħala eżempju tajjeb, u bħala pass 'il quddiem f'termini ta' kisba ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ li jaħdem, u jappella għal konformità sħiħa mat-termini tiegħu; jistieden, f'dan il-kuntest lill-Kummissjoni u lill-atturi internazzjonali kollha u lin-negozji kkonċernati biex jirrikonoxxu u jaderixxu għal-linji gwida l-ġodda dwar id-diliġenza dovuta tal-OECD għal katini ta' provvista responsabbli fis-settur tal-ħwejjeġ u taż-żraben;

16. Jitlob għal iffokar akbar fuq in-nisa li jaħdmu fis-settur informali, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li jissaħħu l-istandards tax-xogħol deċenti għal ħaddiema nisa f'dan is-settur;

17. Jissottolinja li n-nisa u t-tfajliet tendelzjalment huma dawk li jsofru l-aktar, peress li t-

traffikar tal-ħaddiema għandu rabta qawwija ħafna mat-traffikar għal skopijiet sesswali;

18. Jisħaq fuq il-fatt li l-impatt ta' żieda fl-esportazzjonijiet agrikoli huwa ġeneralment anqas favorevoli għan-nisa milli għall-irġiel, minħabba xejriet emerġenti li jindikaw li l-bdiewa fuq skala żgħira, li ħafna minnhom huma nisa, sikwit ma jkunux f'pożizzjoni li jikkompetu fi swieq barranin minħabba l-liġijiet dwar il-wirt u n-nuqqas ta' aċċess għal kreditu, l-informazzjoni, l-art u n-netwerks kif ukoll ta' possibbiltajiet biex jikkonformaw mar-regoli u l-istandards il-ġodda; jinnota li jridu jsiru sforzi partikolari biex jiġi mtejjeb l-impatt pożittiv tal-kummerċ fuq in-nisa fis-settur agrikolu, fejn in-nisa ġew identifikati bħala partikolarment vulnerabbli, iżda wkoll bħala persuni b'potenzjal ċar ta' emanċipazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li negozji li huma proprjetà tan-nisa għandhom jibbenefikaw mit-tneħħija tal-isterjotipi tal-ġeneru, minn żieda fl-aċċess għas-suq u minn aċċess iffaċilitat għall-finanzi, għall-formazzjoni kummerċjali u n-networks, kif ukoll minn bini u taħriġ ta' kapaċità mtejba; jinnota li l-liberalizzazzjoni kummerċjali fis-setturi tal-agrikoltura u tal-ipproċessar tal-ikel jista' jkollha impatt negattiv fuq in-nisa; jisħaq fuq il-fatt li għalkemm il-ħaddiema nisa jippredominaw fil-produzzjoni tal-ikel fid-dinja (fejn jirrappreżentaw bejn 50 u 80 % tal-forza tax-xogħol globali), huma l-proprjetarji ta' anqas minn 20 % tal-artijiet, u għaldaqstant iż-żieda fit-talbiet kummerċjali għal artijiet u relatata mal-artijiet tagħmilha aktar diffiċli għan-nisa ifqar biex jiksbu jew iżommu aċċess ġust għall-artijiet; ifakkar dwar il-ħtieġa li fil-ftehimiet kummerċjali dwar is-sovranità tal-ikel jiġi evitat l-impatt potenzjalment negattiv tal-klawżoli dwar id-DPI, eż. dwar il-privatizzazzjoni taż-żrieragħ;

19. Jisħaq fuq il-fatt li n-nisa li jaħdmu fl-agrikoltura ta' sussistenza jaffaċċjaw aktar diffikultajiet biex iżommu s-sovranità tal-ikel minħabba l-protezzjoni qawwija tal-varjetajiet l-ġodda tal-pjanti fil-ftehimiet kummerċjali skont il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (Konvenzjoni tal-UPOV);

20. Jissottolinja li l-importazzjonijiet agrikoli tal-UE jistgħu jimminaw l-azjendi agrikoli ż-żgħar tradizzjonali u b'hekk jipperikolaw l-għajxien tan-nisa;

21. Ifakkar dwar l-importanza tal-MSMEs fl-istruttura ekonomika tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha ta' appoġġ għall-MSMEs, b'fokus speċifiku fuq, u b'miżuri għall-MSMEs immexxija min-nisa; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jagħtu attenzjoni partikolari għaċ-ċirkostanzi speċjali tal-MSMEs immexxija min-nisa meta jistabbilixxu help-desks ta' esportazzjoni, biex jieħdu vantaġġ mill-possibbiltajiet maħluqa mill-FTAs u biex isaħħu s-servizzi, it-teknoloġiji u l-infrastrutturi (bħal aċċess għall-internet) li huma ta' importanza partikolari għall-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa u tal-MSMEs immexxija min-nisa; jistieden lill-Kummissjoni tgħin fl-istabbiliment ta' sħubiji bejn l-imprendituri nisa fl-UE u l-kontropartijiet tagħhom fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

### *III. Tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kummerċ: azzjonijiet meħtieġa fil-livell tal-UE*

22. Jinsisti li ċerti elementi tal-politika kummerċjali tal-UE, bħall-kapitoli dwar it-TSD u s-sistema tal-SĠP+, kif ukoll il-monitoraġġ tagħhom, jistgħu jgħinu biex jiġu promossi u miżmuma d-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tal-ħaddiema u l-ħarsien ambjentali; jinsisti li hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet vinkolanti u

infurzabbli fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE biex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ħarsien ambjentali u l-protezzjoni tax-xogħol, kif ukoll biex jiġi żgurat li l-politika kummerċjali tal-UE tkun koerenti mal-għanijiet globali tal-Unjoni f'dak li jikkonċerna l-iżvilupp sostenibbli, it-tnaqqis tal-faqar u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

23. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw li l-objettivi tal-SDGs, b'mod partikolari l-Għan 5 dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-involviment strateġiku għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-2016-2019 jiġu riflessi bis-sħiħ fil-politiki kummerċjali tal-UE;

24. Jiddispjaċih għall-fatt li l-istrateġija kummerċjali tal-UE "Kummerċ għal Kulħadd" ma ssemmix l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jilqa' l-fatt li r-"Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Politika Kummerċjali għal Kulħadd" tat-13 ta' Settembru 2017 jsemmi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kummerċ u jispeċifika li huwa essenzjali li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE jtejbu l-fehim tagħhom tal-impatt tal-istrumenti kummerċjali fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra din id-dimensjoni fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrateġija "Kummerċ għal Kulħadd", u biex tiżgura li tiġi nkluża u integrata l-perspettiva tal-ġeneru fil-politika kummerċjali u ta' investiment tal-UE, peress li din timmassimizza l-vantaġġi globali miksuba minn opportunitajiet kummerċjali għal kulħadd; ifakkar li l-politika kummerċjali tista' tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq ix-xena internazzjonali, u għandha tintuża bħala għodda biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tan-nisa, f'termini ugwali bħall-irġiel, pereżempju billi jingħata appoġġ għat-tnaqqis fid-diskrepanzi fil-pagi bejn il-ġeneri permezz tal-promozzjoni tal-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità aħjar għan-nisa;

25. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tal-akkwist pubbliku jkollhom impatt pożittiv – mhux l-inqas mill-perspettiva tal-ġeneru – meta jiġu inklużi fil-ftehmiet kummerċjali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tappoġġa l-aċċess tal-MSMEs għall-akkwist pubbliku u biex tiżviluppa miżuri speċifiċi għall-MSMEs li huma proprjetà tan-nisa; jappella għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet immirati lejn is-simplifikar ta' proċeduri, u ż-żieda tat-trasparenza, għall-offerenti, inkluż dawk minn pajjiżi li mhumiex fl-UE; jappella għal promozzjoni akbar ta' akkwist pubbliku li jkun soċjalment u ambjentalment responsabbli, filwaqt li jitqies l-għan li jiġi żgurat it-trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel, il-paga indaqs għall-ħaddiema rġiel u nisa, u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, abbażi tal-esperjenza ta' regoli ta' akkwist pubbliku sostenibbli ta' "Ċilì Compras";

26. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex fil-ftehimiet kummerċjali, jippromwovu l-impenn li jadottaw, iżommu u jimplimentaw liġijiet, regolamenti u politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inklużi l-miżuri attivi neċessarji biex l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa jiġu promossi fil-livelli kollha;

27. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tiżgura li n-negozjati kummerċjali għall-immodernizzar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni attwali bejn iċ-Ċilì u l-UE jkun jinkludi, għall-ewwel darba fl-UE, kapitolu speċifiku dwar il-ġeneru u l-kummerċ; jisħaq fuq il-bżonn li jkun informat dwar il-kontenut ta' dan il-kapitolu; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippromwovu u jappoġġaw l-inklużjoni ta' kapitolu speċifiku għall-ġeneru

fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment tal-UE, abbażi ta' eżempji eżistenti bħall-FTAs bejn iċ-Ċilì u l-Uruguay u bejn iċ-Ċilì u l-Kanada, u biex jiżguraw li dan jipprevedi b'mod speċifiku l-impenn għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa; jappella għall-promozzjoni ta' impenji internazzjonali dwar id-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-ġeneru u l-emanċipazzjoni tan-nisa fil-ftehimiet kummerċjali kollha tal-UE, abbażi tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u tal-SDGs; jappella wkoll li jiġu inklużi dispożizzjonijiet f'dawn il-ftehimiet kummerċjali li jiżguraw li l-istrutturi istituzzjonali tagħhom jiggarantixxu rieżamijiet perjodiċi ta' konformità, diskussjonijiet sostanzjali u l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-kummerċ, permezz, fost oħrajn, tal-inklużjoni tan-nisa u l-esperti dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-amministrazzjonijiet ikkonċernati, inkluż fit-timijiet tan-negozjati dwar il-kummerċ, il-kumitati konġunti, il-gruppi ta' esperti, il-gruppi konsultattivi domestiċi, il-kumitati konsultattivi konġunti u l-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim;

28. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jippromwovu ftehimiet fil-livell multilaterali biex jespandu l-protezzjoni li tingħata minn liġijiet tal-UE sensittivi għall-ġeneru bħar-Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt;

29. Jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jiżgura li l-kumpaniji parteċipanti fil-proġetti kofinanzjati mill-BEI għandhom ikunu meħtieġa li jaderixxu mal-prinċipju ta' paga ugwali u trasparenza fil-pagi kif ukoll mal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif stabbilit fid-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];

30. Jinsab konvint li s-CEDAW hija ta' importanza kbira għall-oqsma ta' politika kollha, inkluż għall-kummerċ; jisħaq fuq il-fatt li l-Istati Membri kollha tal-UE aderixxew mas-CEDAW; jistieden għalhek lill-Kummissjoni biex tinkludi referenza għas-CEDAW fil-ftehimiet kummerċjali u biex tieħu passi lejn l-adeżjoni u r-ratifikazzjoni tal-UE għall-Konvenzjoni; jappella lill-Istati Membri jinkorporaw il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-sistemi ġuridiċi tagħhom, jeliminaw il-liġijiet diskriminatorji kollha tagħhom u jadottaw liġijiet xierqa li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni kontra n-nisa;

31. Jistieden lill-UE tiżgura li d-dispożizzjonijiet ibbażati fuq l-istandards ewlenin tax-xogħol u l-konvenzjonijiet tal-ILO jiġu inklużi fil-ftehimiet kummerċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem flimkien mal-Istati Membri lejn ir-ratifika u l-implimentazzjoni ta' dawn il-konvenzjonijiet, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Nru 189 dwar Xogħol Deċenti għall-Ħaddiema Domestiċi, u l-Konvenzjoni Nru 156 dwar il-Ħaddiema b'Responsabbilitajiet tal-Familja, peress li dawn jindirizzaw il-bżonnijiet tal-ħaddiema globalment, u biex jiżguraw li d-drittijiet soċjali, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali jiġu inklużi fil-ftehimiet kummerċjali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jkomplu jaħdmu fi ħdan l-ILO favur l-implimentazzjoni ta' dawn il-konvenzjonijiet u favur it-tisħiħ tal-istandards internazzjonali tax-xogħol għal xogħol deċenti fil-katini ta' valur mondjali, b'attenzjoni partikolari fuq in-nisa; ifakkar li l-implimentazzjoni effikaċi ta' dawn l-istandards u l-konvenzjonijiet għandha impatt pożittiv fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nisa fl-UE u f'pajjiżi mhux membri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ftehimiet kummerċjali bejn l-UE u s-sħab l-oħrajn

[1] Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, 26.7.2006 p. 23.).

jikkontribwixxu għall-qerda ta' prattiki bħall-isfruttament tal-impjegati, speċjalment in-nisa;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-istandards soċjali u ambjentali, partikolarment id-drittijiet tax-xogħol sottoskritti fl-FTAs u f'reġimi awtonomi, japplikaw fit-territorju kollu tas-sħab kummerċjali u, partikolarment fl-EPZs;

33. Jisħaq fuq l-importanza tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP) tal-UE, u s-sistemi SĠP+, partikolarment fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet ewlenin; jirrimarka li l-konvenzjonijiet tal-SĠP + jinkludu l-Konvenzjoni tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni Nru 111 dwar id-Diskriminazzjoni fir-Rigward tal-Impjiegi u x-Xogħol, u l-Konvenzjoni Nru 100 dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs għall-Ħaddiema Rġiel u Nisa għal Xogħol ta' Valur Indaqs; jirrimarka li r-rispett u l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet simili jkompli jgħin l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jirrikonoxxi li s-sistemi SĠP u SĠP+ huma għodod ta' valur għall-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni ssib mezzi biex ittejjeb dawn is-sistemi permezz tat-tisħiħ tal-kundizzjonalità tagħhom u t-tneħħija tad-diskriminazzjoni ġuridika kontra n-nisa, u biex tkompli torbot l-inċentivi ekonomiċi mal-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ adegwat u effikaċi tad-drittijiet tal-bniedem ewlenin, u tal-konvenzjonijiet ambjentali u tax-xogħol li huma partikolarment rilevanti għan-nisa; jilqa', f'dan ir-rigward, l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni tas-sistemi SĠP;

34. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex, fin-negozjati fil-livell tad-WTO, jiżguraw li: tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-tħejjija ta' regoli u ftehimiet ġodda, kif ukoll fl-implimentazzjoni u r-rieżami ta' arranġamenti eżistenti, inkluż fil-Mekkaniżmu ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali tad-WTO; tiżdied it-trasparenza fil-proċess kollu tan-negozjati tad-WTO; u li l-perspettiva dwar il-ġeneru toffri informazzjoni lin-negozjati attwali u futuri kollha, f'oqsma bħall-agrikoltura, is-sajd, is-servizzi u l-kummerċ elettroniku; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri, barra minn hekk, biex jiddefendu u jippromwovu pożizzjoni mtejba għan-nisa fil-katini ta' valur mondjali (billi jsir l-aħjar użu tal-għodod tad-WTO bħalma huma l-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ), biex jiżviluppaw programmi ta' bini tal-kapaċità u jorganizzaw diskussjonijiet mal-esperti fuq bażi regolari, kif ukoll skambji ta' prattiki tajbin, biex jappoġġaw l-adozzjoni ta' miżuri relatati mal-ġeneru fi ħdan l-istruttura amministrattiva tad-WTO u, biex b'mod aktar partikolari, jiżguraw li s-Segretarjat tad-WTO jkollu l-kapaċità teknika biex iwettaq analiżi skont il-ġeneru tar-regoli tal-kummerċ (inklużi l-mezzi biex jitwettqu evalwazzjonijiet tal-impatt tal-ġeneru fl-istadji kollha tal-ħidma tiegħu, bħal, pereżempju, permezz ta' studji kwantitattivi dwar nisa li jibbenefikaw minn assistenza teknika); jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri, fl-aħħarnett, biex jagħmlu użu mill-għodod tad-WTO biex jindirizzaw il-kwistjonijiet dwar il-ġeneru, kemm fil-ġurisprudenza tagħhom kif ukoll fin-negozjati kummerċjali li għadhom għaddejjin, u biex, bl-istess mod, jappoġġaw il-kooperazzjoni mtejba bejn id-WTO u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, bħall-UNCTAD, il-UN-Women u l-ILO, fl-isforzi tagħhom immirati lejn il-promozzjoni tal-kummerċ internazzjonali inklużiv u favur id-drittijiet u l-ugwaljanza tan-nisa;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-isforzi internazzjonali għall-promozzjoni tal-inklużjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fil-politika kummerċjali u fil-programmi bħall-inizjattiva She Trades taċ-Ċentru Internazzjonali għall-Kummerċ (ITC), li għandha l-għan li tgħaqqad miljun mara imprenditur mas-swieq sal-2020[1], u jħeġġeġ f'dan ir-rigward, l-iskambju internazzjonali tal-aħjar prattiki dwar politiki u programmi reattivi għall-ġeneru fi ħdan organizzazzjonijiet u korpi simili bħad-WTO, l-ITC u n-NU;

36. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-CSR u d-diliġenza dovuta fl-FTAs, bi qbil mal-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u mal-Linji Gwida dwar id-Diliġenza Dovuta tal-OECD; iħeġġeġ lill-UE ssaħħaħ is-CSR, u tikkunsidra d-diliġenza dovuta, fil-ftehimiet kummerċjali ħielsa, kif ukoll jinkoraġġixxi lid-WTO biex tikkunsidra din id-dimensjoni fil-politika kummerċjali tagħha; jisħaq ukoll fuq l-importanza li din il-kwistjoni tiġi indirizzata f'organizzazzjonijiet u f'fora internazzjonali u multilaterali, bħan-NU, il-Bank Dinji u l-OECD; ifakkar li fl-2010 il-Parlament kien talab li l-kumpaniji jippubblikaw il-karti bilanċjali tas-CSR tagħhom u talab li r-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta jiġu introdotti għall-intrapriżi kollha kif ukoll għall-ikkonsolidar tal-kunċett ta' CSR; jilqa' għalhekk il-fatt li sa mill-2017, il-kumpaniji l-kbar huma mitluba jiżvelaw informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità, bi qbil mad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju;

37. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-kodiċijiet ta' kondotta, it-tikketti u l-iskemi ta' kummerċ ġust, u li jiġi żgurat allinjament ma' standards internazzjonali bħall-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, il-Patt Globali tan-NU u l-Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali;

38. Jistieden lill-UE biex tiżgura li s-Segretarjati tal-Istituzzjonijiet tal-UE responsabbli għall-politiki u n-negozjati kummerċjali jkollhom l-għarfien u l-kapaċità teknika biex jinkorporaw il-perspettiva tal-ġeneru fil-proċess sħiħ tan-negozjati, mill-bidu nett, sal-applikazzjoni u l-evalwazzjoni; jilqa' l-ħatra ta' punt fokali dwar il-ġeneru fi ħdan l-istruttura tad-DĠ Trade, li jkun responsabbli biex jimmonitorja jekk l-aspetti dwar il-ġeneru humiex qegħdin jiġu kkunsidrati fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE, kif ukoll biex jiżgura l-allinjament tal-ġeneru fil-politika kummerċjali tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi taħriġ dwar il-ġeneru, jew biex tagħmel użu mit-taħriġ ipprovdut pereżempju, mill-UNCTAD biex tiżgura li l-uffiċjali u n-negozjaturi jkunu konxji ta' kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-kummerċ; jistieden lill-Istati Membri biex jirreklutaw nisa fil-livelli kollha fi ħdan il-ministeri għall-kummerċ tagħhom; jistieden lill-organizzazzjonijiet internazzjonali bħad-WTO, il-Bank Dinji, il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u l-ILO biex jippromwovu l-preżenza ugwali tan-nisa fl-istrutturi interni tagħhom, partikolarment f'karigi ewlenin; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jieħdu sehem b'mod attiv, u jappoġġaw, l-isforzi biex jiġu organizzati diskussjonijiet regolari u azzjonijiet dwar il-ġeneru u l-kummerċ;

39. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippromwovu, fil-ftehimiet kummerċjali, l-impenn li jiżguraw parteċipazzjoni mtejba tan-nisa fil-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat;

40. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iwettqu negozjati kummerċjali trasparenti, jirrispettaw bis-sħiħ l-aħjar prattiki stabbiliti f'negozjati oħrajn u biex jiżguraw li, f'kull

[1] http://www.intracen.org/itc/women-and-trade/SheTrades/.

stadju tan-negozjati, il-Parlament jinżamm informat f'waqtu u b'mod regolari; jappella għal timijiet tan-negozjati bbilanċjati bejn il-ġeneri sabiex ikunu jistgħu jikkunsidraw bis-sħiħ l-aspetti kollha tal-ftehimiet kummerċjali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw parteċipazzjoni inklużiva fil-konsultazzjonijiet kummerċjali, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tad-WTO, inkluż għall-organizzazzjonijiet għad-drittijiet tan-nisa, it-trejdjunjins, in-negozji, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet għall-iżvilupp, u biex isaħħu t-trasparenza għaċ-ċittadini Ewropej billi jippreżentaw inizjattivi u billi jippubblikaw informazzjoni rilevanti għan-negozjati;

41. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-għan tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jingħata attenzjoni partikolari fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom, u li tkun integrata fil-programmi ta' assistenza kollha, speċjalment f'programmi marbuta mal-Istrateġija ta' Għajnuna għall-Kummerċ; jistieden lill-UE żżid il-fondi disponibbli għall-programmi ta' kooperazzjoni marbutin mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u mat-taħriġ professjonali tan-nisa; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-pajjiżi l-anqas żviluppati, finanzjarjament kif ukoll permezz tal-bini tal-kapaċità fi sforz biex tqawwi l-koerenza bejn il-kummerċ, l-iżvilupp u d-drittijiet tal-bniedem inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jisħaq fuq il-fatt li t-tnaqqis fid-dħul mit-taxxi li rriżulta minn tnaqqis fit-tariffi għandu jiġi indirizzat fil-qafas u l-finanzjament tal-aġenda għall-iżvilupp sostenibbli;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-intraprenditorija femminili fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, filwaqt li tiffoka speċjalment fuq dawk il-pajjiżi fejn in-nisa jaffaċċjaw aktar restrizzjonijiet fl-aċċess għall-kreditu, l-infrastruttura u l-assi produttivi, meta mqabbla mal-irġiel;

43. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-possibbiltà ta' bini ta' programmi ta' taħriġ ta' qabel l-apprendistat għall-fornituri, dawk li jimpjegaw, il-prattikanti tal-forza tax-xogħol, u tal-partijiet interessati tal-industrija oħrajn, li jippermettilhom li joħolqu netwerk mal-pari tagħhom madwar l-UE u biex titgħallem minn varjetà ta' mudelli ta' programm ta' suċċess, finalment bil-għan li jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli biex in-nisa jipparteċipaw fl-opportunitajiet offruti minn ftehimiet ta' kummerċ ħieles;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru flimkien l-isforzi tagħhom biex jadattaw politiki f'oqsma bħall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bil-għan li tiġi promossa ugwaljanza akbar bejn il-ġeneri fit-tqassim ta' opportunitajiet ta' impjieg offruti mill-esportazzjonijiet;

45. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex fil-ftehimiet kummerċjali jippromwovu l-impenn li jwettqu attivitajiet ta' kooperazzjoni bilaterali immirati għat-titjib tal-kapaċità u l-kundizzjonijiet għan-nisa sabiex jibbenefikaw mill-opportunitajiet offruti minn dawn il-ftehimiet, u, għal dan il-għan u biex jikkostitwixxu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni, biex jistabbilixxu kumitat konġunt dwar il-kummerċ u l-ġeneru, u biex l-applikazzjoni tiegħu tiġi sorveljata, billi tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni xierqa ta' partijiet interessati privati, inklużi esperti u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-emanċipazzjoni tan-nisa, li tiggarantixxi rappreżentazzjoni wiesgħa, mill-komunità u mis-settur, permezz ta' mezzi aċċessibbli ta' konsultazzjoni (bħal diskussjonijiet online) lil hinn minn djalogi strutturati;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora aktar kif il-politiki u l-ftehimiet kummerċjali tal-UE jistgħu jippromwovu l-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa u l-parteċipazzjoni tan-nisa

f'oqsma bħax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STE) u dwar kif jitnaqqsu jistgħu jitnaqqsu d-diskrepanzi bejn il-ġeneri fl-aċċess għal, u fl-użu ta' teknoloġiji ġodda;

o

o o

47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

NOTA SPJEGATTIVA

Il-kummerċ mhuwiex newtrali fir-rigward tal-ġeneru u l-politiki kummerċjali għandhom effetti speċifiċi għall-ġeneru. Ir-Rapporti tal-Parlament Ewropew *dwar l-implementazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2010 tal-Parlament dwar l-istandards soċjali u ambjentali, id-drittijiet tal-bniedem u r-responsabbiltà korporattiva* (2015/2038(INI)) u *dwar l-impatt tal-kummerċ internazzjonali u tal-politiki kummerċjali tal-UE fuq il-katini ta' valur mondjali* (2016/2301(INI)) enfasizzaw bosta kwistjonijiet relatati mal-ġeneru involuti fil-politika kummerċjali.

Il-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment jaffettwaw lin-nisa u lill-irġiel b'mod differenti minħabba l-inugwaljanza strutturali bejn il-ġeneri: in-nisa jitħallsu inqas u d-disparità globali bejn il-ġeneri għadha sinifikanti. L-ebda pajjiż ma kiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Barra minn hekk, l-irġiel u n-nisa huma strutturati f'setturi differenti tal-ekonomija. Il-maġġoranza tan-nisa jaħdmu f'setturi bħall-agrikoltura, fis-settur tal-indukrar informali u mhux imħallas, jew inkella bħala ħaddiema staġjonali. Dawn il-ħaddiema, li huma kontributuri essenzjali għall-ekonomija globali, jibqgħu bla viżibbiltà fil-politiki kummerċjali u huma dawk l-aktar affettwati mill-prattiki kummerċjali u ta' investiment attwali.

L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri hija għan universali kopert minn għodod internazzjonali bħall-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (1948) u l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW, 1979). L-UE impenjat ruħha bis-sħiħ biex tippromwovi u tiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-Trattati fundamentali tagħha, fosthom fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Bħal kull politika oħra tal-UE, jeħtieġ li l-politika kummerċjali tikkontribwixxi lejn l-għan usa' tan-NU bħall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). B'mod partikolari, l-Għan 5 jiddikjara li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u t-tfajliet iridu jinkisbu sal-2030. Tali objettiv għandu dimensjoni trasversali li tolqot il-kisba mill-SDGs l-oħrajn kollha.

**Il-Politika Kummerċjali tal-UE**

Il-Kummissjoni Ewropea wettqet progress fl-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'xi uħud mill-oqsma ta' politika tal-UE. Il-politika kummerċjali, madankollu, spiss ingħatat il-ġenb f'dan il-proċess politiku, u kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhumiex trattati b'mod sistematiku mid-DĠ Trade. Filwaqt li ftehimiet kummerċjali l-ġodda jinkludu kapitolu dwar is-Sostenibbiltà, fl-istess waqt id-drittijiet tal-bniedem huma esklużi minn ftehimiet ġodda u l-impenji favur is-sostenibilità mhumiex vinkolanti bħall-impenji kummerċjali. Jidher li l-UE hi aktar interessata li tikkonkludi ftehimiet milli tiżgura l-kummerċ sostenibbli u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Din hi kwistjoni urġenti, b'mod partikolari minħabba l-ġenerazzjoni

ġdida ta' ftehimiet kummerċjali li l-UE qiegħda tinnegozja u tirratifika, bħas-CETA (Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv UE-Kanada), it-TTIP (Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment) u t-TiSA (Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi), li issa jinkludu s-servizzi, l-istandards u r-regolamenti.

Dan ifisser li l-ftehimiet kummerċjali ġodda għandhom implikazzjonijiet aktar b'saħħithom dwar id-drittijiet tal-bniedem, minħabba l-ambitu usa' tagħhom, meta mqabbla ma' ftehimiet preċedenti. U bl-istess mod, l-effetti tat-tibdil fil-klima qed isiru dejjem aktar evidenti, u qegħdin jitolbu għal infurzar aktar qawwi u rapidu tal-ftehimiet ambjentali.

Il-politika kummerċjali tal-UE tillimita l-politika ekonomika għaż-żieda tal-PDG u tal-esportazzjonijiet; hi msejsa fuq teorija ekonomika li tagħmel il-qasam ta' ndukrar mhux imħallas u xogħol riroduttiv, inviżibbli. Il-korapporteurs huma tal-fehma li l-politika kummerċjali għandha timmira li tnaqqas id-diskrepanzi soċjoekonomiċi, fejn l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri huma rikonoxxuti bħala fattur ewlieni.

L-isfond neoliberali attwali mhuwiex l-uniku qafas li bih jistgħu jiġu stipulati l-ftehimiet kummerċjali. Effettivamentqed tkun ta' ħsara għall-iżvilupp sostenibbli u għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tan-nisa, li huma parti mid-drittijiet tal-bniedem infushom. Din il-konklużjoni ġejja minn riċerka empirika sostanzjali li turi l-effetti tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles.

Il-korapporteurs jikkondividu t-tħassib ta' għadd dejjem akbar ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u esperti f'istituzzjonijiet internazzjonali u fid-dinja akkademika, li huma mħassba ferm dwar l-politika kummerċjali attwali tal-UE.

Konsultazzjoni wiesgħa ma' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u t-tfajliet, organizzata mill-korapporteurs, enfasizzat l-importanza tal-involviment tas-soċjetà ċivili fin-negozjati kummerċjali, kemm fil-livell multilaterali kif ukoll f'dak bilaterali. Is-soċjetà ċivili għandha tiġi kkonsultata wkoll fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt għas-Sostenibilità (SIAs) li għandhom jiġu konklużi qabel il-Kunsill jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tinnegozja, sabiex kemm il-mandat kif ukoll in-negozjati, jiġu infurmati u jkunu jinkludu perspettivi tal-ġeneru rappreżentattivi u inklużivi.

L-għan tal-korapporteurs kien li jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konkreti dwar dak li l-UE tista' u għandha tagħmel biex ittejjeb l-impenn tagħha dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri, u biex jistiednu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkorporaw approċċ ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-politiki kollha tagħhom, inkluż fil-politika kummerċjali, u biex jiggarantixxu konformità effettiva fost l-oħrajn, mas-CEDAW. Is-CEDAW għandha bżonn tiġi ratifikata b'urġenza mill-UE. L-istandards tal-ILO, inklużi l-Konvenzjoni Nru 189 dwar il-Ħaddiema Domestiċi u l-Konvenzjoni Nru 156 dwar il-Ħaddiema b'Responsabbilitajiet tal-Familja, jeħtieġ li jkunu parti minn kwalunkwe soluzzjoni tat-tilwim dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-monitoraġġ tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE.

Għandu jinstab rimedju għan-nuqqas ta' perspettivi dwar il-ġeneri u ta' għarfien espert fin-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali u fil-valutazzjonijiet tal-impatt, u l-parteċipazzjoni tal-gruppi tad-drittijiet tan-nisa u t-tfajliet fis-segwitu tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ għandha tkun trasparenti u garantita.

**Il-kummerċ u l-ġeneru f'setturi differenti**

Effetti differenzjati bejn il-ġeneri jistgħu jkunu jew pożittivi jew negattivi, skont il-kuntesti u ċ-ċirkostanzi speċifiċi, u l-aktar importanti dwar jekk il-miżuri kummerċjali humiex iddisinjati u implimentati biex jikkunsidraw l-istruttura bbażata fuq il-ġeneru tal-ekonomiji kkonċernati.

Hemm diversi oqsma li jappartjenu għall-qasam tal-politika kummerċjali - is-servizzi, il-manifattura, l-agrikoltura, il-ħwejjeġ, id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, u f'kull wieħed minnhom tista' tinstab kawża u effett speċifiku għall-ġeneru.

Pereżempju, fis-settur tal-ikel l-effetti tal-konsum iddifferenzjat skont il-ġeneru jirriżultaw mill-fatt li ġeneralment in-nisa jkollhom ir-responsabbiltà ewlenija għax-xiri u t-tħejjija tal-ikel għat-tfal u l-familji tagħhom. In-nisa huma inkredibbilment importanti fis-setturi tal-agrikoltura u tal-produzzjoni tal-ikel fin-Nofsinhar Globali. Produtturi agrikoli nisa fuq skala żgħira, jirrappreżentaw in-nofs jew aktar min nofs tal-produzzjoni agrikola fl-Afrika tas-sub-Saħarjana u fin-Nofsinhar tal-Asja u jista' jkun ukoll li kien hemm żieda fl-għadd ta' nisa f'dawn l-aħħar snin, minħabba li hemm xejra ġenerali ta' femminizzazzjoni tal-agrikoltura. Fl-istess ħin il-biedja fuq skala żgħira tinsab f'riskju li ma tkunx kapaċi tikkompeti fis-suq liberalizzat internazzjonali tal-produzzjoni tal-ikel.

Il-politiki kummerċjali u ta' żvilupp għandhom jiġu riformati sabiex jiżguraw is-sovranità tal-ikel - b'appoġġ għall-produzzjoni lokali - u mhux biss għas-sigurtà tal-ikel, minflok ma jdgħajfuhom. Dan huwa importanti, peress li mingħajr miżuri addizzjonali, l-effetti tat-tibdil fil-klima se jħallu impatt diżastruż dirett fuq il-possibbiltà li bosta rġiel u nisa jimmaniġġjaw il-provvisti tal-ikel u x-xorb tagħhom, ikollhom aċċess għal djar sostenibbli, arja nadifa u s-saħħa bażika - f'diversi każijiet madwar id-dinja l-impatti huma diġà evidenti ħafna u dawn huma bbażati fuq il-ġeneru, b'impatt differenti fuq in-nisa mill-irġiel.

Il-politiki kummerċjali transnazzjonali ukoll għandhom impatt fuq l-infiq tal-gvern u l-provvediment ta' servizzi bażiċi. Fil-kuntest tal-ftehimiet kummerċjali bħas-CETA u t-TiSA, il-liberalizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa għall-anzjani se taffettwa n-nisa aktar mill-irġiel, minħabba li n-nisa għandhom it-tendenza li jgħixu aktar iżda huma ifqar mill-irġiel, u anki għaliex għandhom rwol akbar bħala fornituri tal-indukrar għal membri tal-familja oħrajn anki fi xjuħithom.

B'mod aktar speċifiku, sakemm ma jkunx imfassal u rregolat bir-reqqa, il-kummerċ fis-servizzi jaffettwa b'mod negattiv l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, speċjalment permezz tal-impatt tiegħu fuq id-distribuzzjoni ta' xogħol ta' indukrar mingħajr ħlas. In-nisa se jkunu affettwati l-aktar mill-

konsegwenzi tal-ftehimiet kummerċjali relatati mas-settur pubbliku (b'mod partikolari f'oqsma bħall-edukazzjoni, is-saħħa jew il-ħidma soċjali) peress li dawn jirrappreżentaw is-70 % tal-forza tax-xogħol fis-settur. Il-liberalizzazzjoni u l-privatizzazzjoni tas-servizzi (li jwasslu għal tariffi ogħla għall-kura tat-tfal, servizzi mnaqqsa għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità, il-privatizzazzjoni u l-għeluq tal-isptarijiet) iwasslu għas-sostituzzjoni ta' intitolamenti bbażati fuq l-istati b'intitolamenti individwalizzati bbażati fuq is-suq għal dawk li jistgħu jaffordjawhom, u faqar u esklużjoni għal dawk li ma jistgħux.

Is-setturi differenti involuti fil-politika kummerċjali huma parteċipi fl-isforzi favur id-drittijiet tal-bniedem. Il-privatizzazzjoni tas-servizzi bħal dawk tal-ilma u s-sanità, l-edukazzjoni u s-saħħa (partikolarment is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi), jista' jkollha impatt enormi fuq il-ħajja tal-persuni l-aktar żvantaġġati fis-soċjetà: in-nisa, il-gruppi ta' minoranzi, il-migranti, il-persuni b'diżabbiltà, it-tfal, il-gruppi indiġeni, il-persuni LGBTIQ u l-anzjani. L-aċċess sikur għall-abort u għall-informazzjoni dwar l-ippjanar tal-familja, is-servizzi u l-provvisti, jippermetti lill-individwi u lill-koppji li jagħżlu jekk, meta u kemm ikollhom tfal. L-ippjanar tal-familja għandu rilevanza wkoll fl-aċċess għall-edukazzjoni u għal xogħol imħallas b'mod deċenti.

Ir-Rapport Annwali tal-UNFPA tal-2013 ippreżenta konklużjonijiet importanti dwar l-interdipendenza tad-drittijiet tal-bniedem, is-saħħa sesswali u riproduttiva, id-dinamika tal-popolazzjoni, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku. Il-korapporteurs enfasizzaw ukoll differenzi fil-kopertura tas-saħħa u servizzi għal individwi LGBTQI.

L-aċċess globali għas-saħħa, garantit bħala dritt bażiku tal-bniedem, irid isir element vinkolanti fil-ftehimiet kummerċjali. Id-drittijiet tal-bniedem m'għandhomx jitqiesu bħala ostakoli mhux tariffarji, iżda bħala għodda biex jinħolqu l-prosperità, l-ugwaljanza u l-ġustizzja soċjali. Il-ftehimiet kummerċjali tal-UE għandhom jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw il-proċess biex l-Istati jirregolaw u jipprovdu għal protezzjoni soċjali.

F'dan il-kuntest huwa importanti li wieħed isemmi li strumenti differenti bħall-Valutazzjoni tal-Impatt (IA) u l-Valutazzjonijiet tal-Impatt għas-Sostenibbiltà tal-Kummerċ (TSIAs) jistgħu jkunu għodod utli għall-valutazzjoni tal-impatt tal-politika kummerċjali fuq id-drittijiet soċjali u tal-bniedem. Għodod oħra marbuta mal-kummerċ huma l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP) u l-SĠP+ tal-UE, li jipprovdu aċċess preferenzjali għas-suq tal-UE għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li jinkludu dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, l-istatistika diżaggregata skont il-ġeneru b'approċċ intersettorjali hija għodda ewlenija li għandha tintuża fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-politika. Huwa importanti li wieħed ikun jaf eżattament kif is-sezzjonijiet differenti ta' nisa u rġiel huma milquta b'mod differenti minn ftehimiet kummerċjali.

Lil hinn minn impenji internazzjonali u l-għanijiet vagi tal-UE fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, huwa ċar li minn perspettiva femminista, li hi perspettiva ta' ġustizzja għal kulħadd u mhux biss għal nisa u t-tfajliet, l-għan tal-politika ekonomika, inkluż il-kummerċ u l-

investiment, huwa biex issostni l-għajxien għal kulħadd, l-ambjent u l-ekosistemi, kif ukoll ir-riżorsi soċjali u umani. Tali politika ekonomika għandha tinkludi ukoll ix-xogħol ta' ndukrar, jew xogħol riproduttiv. Tali ekonomiji ma jistgħux ikunu rregolati minn prinċipji dojoq ta' tkabbir, kompetizzjoni u effiċjenza li attwalment jiddominaw l-aġenda tal-kummerċ. Jeħtieġ li l-politiki kummerċjali tal-UE jiġu mmodernizzati u evalwati mill-ġdid minn perspettiva aktar femminista.

22.11.2017

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE
(2017/2015(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Lola Sánchez Caldentey

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

A. billi l-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet kollha mhijiex biss integrata fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) kollha tan-NU tal-2015, iżda hija wkoll għan indipendenti; billi l-kummerċ u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ għandhom riperkussjonijiet ferm differenti fuq in-nisa u l-irġiel, fatt li jista' jkun negattiv li jirriżulta f'tibdil tar-rwol tal-ġeneri, tar-relazzjonijiet u tal-inugwaljanzi; billi l-impatt li l-politiki kummerċjali jħallu fuq in-nisa tan-Nofsinhar tad-dinja huwa differenti minn dak fuq in-nisa tat-Tramuntana tad-dinja; billi l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali għandhom id-dmir li jistabbilixxu mekkaniżmi adegwati biex in-nisa jkunu jistgħu jibbenefikaw aktar bis-sħiħ u bis-saħħa ta' drittijiethom mill-effetti pożittivi tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ;

B. billi l-emanċipazzjoni tan-nisa, il-promozzjoni ta' drittijiethom u l-ħarsien tal-aċċess tagħhom għar-riżorsi jistgħu jaċċeleraw l-iżvilupp; billi l-ftehimiet kummerċjali li ma jagħtux kas dan l-aspett partikolari x'aktarx jistgħu jqiegħdu f'kundizzjonijiet ta' aktar

żvantaġġ lin-nisa minħabba l-pożizzjoni diġà żvantaġġata fis-soċjetà jew iżidu l-inugwaljanza u jipperikolaw l-għajxien tal-persuni b'mod ġenerali;

C. billi l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jgħid hekk: "Fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġixxi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa."; billi l-Artikoli 207 u 208 tat-TFUE jistabbilixxu li l-politika kummerċjali komuni u l-politika fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni għandhom jitwettqu "fil-qafas tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni."; billi dawn il-prinċipji, skont l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), huma: id-demokrazija, l-Istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali; billi l-politika kummerċjali tal-UE hija parti importanti ta' qafas għal politika integrata fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u għaldaqstant perspettiva b'saħħtiha tal-ġeneri u l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tan-nisa fil-politika kummerċjali u ta' investiment huma elementi fundamentali għal tali qafas, bil-għan li jiġu kombinati miżuri soċjali u ekonomiċi u jiġu garantiti eżiti aktar ġusti u ta' ġid għal kulħadd;

D. billi l-adozzjoni ta' ftehimiet kummerċjali ġodda ma' pajjiżi u/jew reġjuni oħrajn tad-dinja tista' twassal għat-trasferiment tax-xogħol u għal telf ta' impjiegi orjentati lejn l-esportazzjoni; billi dan il-fenomenu jolqot b'mod partikolari lin-nisa, peress li fis-setturi relatati mal-esportazzjoni n-nisa spiss għandhom prevalenza;

E. billi iktar minn 40 % tax-xogħol agrikolu fin-Nofsinhar tad-dinja jsir min-nisa; billi n-nisa fl-agrikoltura huma, fil-biċċa l-kbira, bdiewa żgħar jew bdiewa ta' sussistenza li ma għandhomx l-aċċess neċessarju għall-informazzjoni, għall-kreditu, għall-art jew għan-netwerks biex jikkompetu b'suċċess f'suq globali;

F. billi għall-baġits nazzjonali tagħhom il-pajjiżi tan-Nofsinhar tad-dinja jiddependu mid-dħul li jaqalgħu mit-tariffi ta' importazzjoni; billi ż-żieda tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) biex tikkumpensa dan it-telf ta' dħul tirrappreżenta ostaklu finanzjarju ieħor għan-nisa u għall-familji tagħhom;

G. billi huma aktar in-nisa milli l-irġiel li jaħdmu xogħlijiet b'pagi baxxi, ftit apprezzati u prekarji fis-setturi kollha u b'hekk in-nisa x'aktarx li se jibbenefikaw inqas, meta mqabblin mal-irġiel, mill-proċessi tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ; billi spiss in-nisa, meqjusa f'pożizzjoni ta' negozjar inqas b'saħħtiha, huma sfruttati bħala vantaġġ kompetittiv f'ekonomija globali;

1. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiggarantixxu li l-objettivi tal-SDGs, partikolarment l-Għan nru 5 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 (GAP II), l-Impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2016-2019 ikunu totalment riflessi u implimentati fil-politiki esteri tal-UE; jitlob politika kummerċjali ċċentrata fuq l-iżvilupp u sensittiva għall-ispeċifiċitajiet tal-ġeneru, li tiggarantixxi negozjati f'kundizzjonijiet ta' parità bejn is-sħab kummerċjali;

2. Josserva bi tħassib li għad hemm bosta ostakli għall-valutazzjoni tar-relazzjoni bejn il-kummerċ u l-ġeneru, kaġun ta' għadd ta' fatturi, fosthom in-nuqqas ta' data; jisħaq fuq il-bżonn li tinftiehem aħjar id-dinamika tal-ġeneru tal-ftehimiet kummerċjali, li tirrikjedi l-

użu ta' statistika diżaggregata skont is-sess f'kull settur individwali tal-ekonomija kkonċernata;

3. Jisħaq fuq il-fatt li d-data użata fil-valutazzjoni tal-impatt tal-kummerċ għandha tkun settorjali, billi l-effetti tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ ivarjaw minn settur għall-ieħor; josserva li fis-setturi bħall-agrikoltura u l-ipproċessar tal-ikel jista' jkun hemm riperkussjonijiet negattivi fuq in-nisa; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li n-nisa, avolja jippredominaw fil-produzzjoni tal-ikel fid-dinja (minn 50 għal 80 %), għandhom fil-pussess tagħhom inqas minn 20 % tal-artijiet, u għaldaqstant iż-żieda fit-talbiet kummerċjali għall-artijiet u relatati mal-artijiet lin-nisa ifqar qiegħda wkoll tagħmilhielhom aktar diffiċli biex jiksbu jew iżommu aċċess ekwu għall-artijiet;

4. Ifakkar fil-bżonn li tiżdied il-koerenza fost il-politiki differenti iżda strettament interkonnessi, bħal dawk fil-qasam tal-kummerċ, tal-iżvilupp, tal-affarijiet barranin, tal-impjiegi, tal-migrazzjoni u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

5. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-istrateġija "Kummerċ għal Kulħadd" tagħha u tistabbilixxi perspettiva tal-ġeneru aktar ċara; jisħaq fuq l-importanza li tkompli l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-emanċipazzjoni tan-nisa fl-istrateġija kummerċjali futura tal-UE;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jagħtu spinta lill-koerenza bejn, minn naħa, il-politiki kummerċjali u ta' investiment u, min-naħa l-oħra, il-konvenzjonijiet u l-impenji internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, tal-iżvilupp u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jissottolinja li l-mekkaniżmi eżistenti (pereżempju fl-ambitu tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Mekkaniżmu ta' Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali) u l-istrumenti eżistenti (bħall-valutazzjonijiet tal-impatt għas-sostenibilità, il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-kummerċ fil-livell tal-ġeneru u l-analiżijiet tal-impatt soċjali u fuq il-faqar), għandhom jintużaw biex ikun monitorjat l-impatt tal-ġeneru tal-politiki u tal-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, issostni l-pajjiżi l-anqas żviluppati fl-analiżijiet rispettivi tagħhom, finanzjarjament u permezz tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet;

7. Jisħaq fuq il-bżonn ta' aktar titjib tal-analiżi u tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki kummerċjali u ta' investiment kif ukoll tal-integrazzjoni tagħhom fil-programmi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-kummerċ tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, tad-donaturi u tal-organizzazzjonijiet intergovernattivi, bis-saħħa ta' analiżi *ex ante*, monitoraġġ u valutazzjonijiet *ex post*, bil-ħsieb li jingħelbu l-impatti potenzjalment negattivi f'termini ta' ġeneru tad-diversi miżuri u strumenti fl-ambitu tal-kummerċ, inklużi l-impatti fuq id-distribuzzjoni tal-artijiet, is-sigurtà tal-ikel, it-trasferimenti u/jew it-telf ta' impjiegi u eventwali flussi migratorji minn perspettiva tal-ġeneru; jenfasizza l-bżonn ta' valutazzjonijiet obbligatorji u perjodiċi tal-progress u tal-fallimenti fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jevidenzja li analiżi komprensiva tal-effetti tal-kummerċ fuq id-dimensjoni tal-ġeneru ma għandhiex tkun limitata għall-effetti okkupazzjonali, iżda jmissha wkoll tikkonċentra fuq l-impatti fuq il-konsum u l-effetti fuq il-forniment ta' servizzi pubbliċi;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi li s-sħab kummerċjali tal-UE jirrispettaw l-

Artikoli 16 u 17 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti bil-għan li jkunu miġġielda l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-qasam tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi;

9. Itenni l-importanza fundamentali li jkun żgurat l-aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità għal kulħadd; iħeġġeġ lill-UE tiżgura li l-politika kummerċjali u dik tal-investiment tagħha ma jimpedux lill-Istati milli jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, jew ikollhom effetti sproporzjonati fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli, fosthom in-nisa; iħeġġeġ lill-UE tiżgura li t-trattati kummerċjali u ta' investiment ma jwasslux għall-privatizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, fatt li jista' jikkawża inugwaljanza bejn il-ġeneri; jisħaq fuq il-fatt li l-kwistjoni tal-forniment pubbliku tas-servizzi soċjali hija ta' rilevanza partikolari għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, peress li l-bidliet fl-aċċess għal tali servizzi, kif ukoll il-kwalità tagħhom, iwasslu għal distribuzzjoni diżomoġenja, mil-lat tal-ġeneri, tax-xogħol tal-indukrar mhux imħallas; jissottolinja għaldaqstant li l-beni u s-servizzi bħal pereżempju l-ilma, is-sanità, l-edukazzjoni u l-assistenza tas-saħħa (inkluż l-aċċess tan-nisa għas-saħħa sesswali u riproduttiva u għad-drittijiet relatati) għandhom ikunu żgurati dejjem u universalment;

10. Jenfasizza l-bżonn li l-gvernijiet iżommu l-kapaċità tagħhom li jallokaw riżorsi għall-kisba tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bil-għan li jkun garantit futur inklużiv u sostenibbli għas-soċjetajiet; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza assoluta tar-rispett, skont l-objettiv nru 17.15 tal-SDGs, tal-ispazju politiku demokratiku tal-pajjiżi sħab biex jirregolamentaw u jieħdu deċiżjonijiet adegwati għall-kuntest nazzjonali tagħhom, jirrispondu għall-eżiġenzi tal-popolazzjonijiet tagħhom u jonoraw l-obbligi tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-impenji internazzjonali l-oħrajn, fosthom dawn dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jissottolinja l-bżonn li jkun garantit li la l-mekkaniżmi tal-UE applikabbli għall-kummerċ u għall-investimenti u lanqas il-klawsoli fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE ma jipperikolaw il-kapaċità tal-gvernijiet individwali li jbiddlu l-liġijiet tagħhom ħalli jinkludu miżuri favur il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; josserva li d-dispożizzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (DPI) relatati mal-privattivi li jipprojbixxu l-produzzjoni ta' mediċini ġeneriċi jistgħu jkollhom riperkussjonijiet notevoli fuq ir-rekwiżiti partikolari tan-nisa fejn tidħol saħħithom u li d-dispożizzjonijiet fil-qasam tad-DPI ntużaw fil-ftehimiet kummerċjali ħalli jħarsu l-interessi tal-kumpaniji farmaċewtiċi l-kbar u jillimitaw il-produzzjoni ta' mediċini ġeneriċi irħas; jenfasizza li tali mediċini essenzjali u bi prezzijiet aċċessibbli huma partikolarment importanti għan-nisa; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-bżonn li jiġu rikonoxxuti r-riskji fil-mekkaniżmi relatati mal-ftehimiet kummerċjali, bħas-soluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u stati (ISDS) jew is-Sistema ta' Qorti tal-Investiment (ICS), li jistgħu jipperikolaw il-kapaċità tal-gvernijiet individwali li jbiddlu l-liġijiet tagħhom biex idaħħlu miżuri ħalli jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri billi jissaħħu s-servizzi soċjali, l-istandards tax-xogħol u r-regolamenti fil-qasam tad-drittijiet tal-konsumatur;

11. Josserva li l-effetti tat-tibdil fil-klima u ambjentali, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, spiss jinqasmu b'mod mhux indaqs bejn in-nisa u l-irġiel u jolqtu partikolarment lin-nisa, fatt li jissogra li jostakola l-ksib ulterjuri tal-SDG nru 5; jisħaq għalhekk fuq l-importanza li jiġi integrat b'mod koerenti u komprensiv, fl-ambitu tal-politika kummerċjali tal-UE, l-SDG nru 13(b) dwar il-promozzjoni ta' mekkaniżmi

ċċentrati fuq in-nisa biex tiżdied il-kapaċità effettiva ta' ppjanar u ġestjoni ta' interventi relatati mat-tibdil fil-klima fil-pajjiżi l-anqas żviluppati, ħalli jingħata sostenn lill-isforzi nazzjonali maħsuba biex jirrispettaw il-Ftehim ta' Pariġi, fid-dawl tal-fatt li huma n-nisa l-ewwel vittmi tat-tibdil fil-klima;

12. Ifakkar fil-bżonn li jkun evitat l-impatt potenzjalment negattiv li l-klawsoli dwar id-DPI fil-ftehimiet kummerċjali jista' jkollhom fuq saħħet in-nisa u fuq is-sovranità tal-ikel tagħhom, partikolarment permezz ta' restrizzjonijiet fl-aċċess għall-mediċini u l-privatizzazzjoni taż-żrieragħ;

13. Jisħaq fuq l-importanza li titqawwa l-parteċipazzjoni tan-nisa meta jittieħdu d-deċiżjonijiet, anki fil-politika kummerċjali u fil-proċessi ta' negozjar fil-livelli kollha, bil-għan li jitqiesu aktar il-kwisjonijiet tal-ġeneru u jiġi żgurat li jitgawdew il-benefiċċji tal-possibbiltajiet il-ġodda kif ukoll l-emanċipazzjoni tan-nisa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jġib miegħu l-kummerċ;

14. Itenni li l-ftehimiet kummerċjali kollha tal-UE għandhom jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bis-saħħa ta' mekkaniżmi effikaċi u eżegwibbli, fosthom strument speċifiku għall-monitoraġġ tal-konformità biex ikunu żgurati l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u r-rispett tad-drittijiet tan-nisa;

15. Jikkonstata li l-Iskema ta' Preferenzi Ġeneralizzati (SPĠ), u partikolarment is-sistema SPĠ+, jistgħu jitjiebu billi l-inċentivi ekonomiċi jintrabtu mal-adozzjoni effettiva u mal-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem;

16. Jilqa' pożittivament il-progress li sar f'dawn l-aħħar snin bl-introduzzjoni tal-Patt ta' Sostenibbiltà tal-Bangladesh, tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam (Regolament (UE) Nru 995/2010) u tar-Regolament tal-UE dwar il-Minerali ta' Kunflitt (Regolament (UE) 2017/821), u jistieden lill-Kummissjoni testendi l-oqfsa vinkolanti għall-obbligi ta' diliġenza dovuta għal setturi oħrajn bil-għan li tiżgura li l-UE u s-sħab u l-operaturi tagħha jonoraw l-obbligu ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-ogħla standards soċjali, fosthom dawk relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

17. Jenfasizza li n-nisa li jaħdmu fl-agrikoltura ta' sussistenza jħabbtu wiċċhom ma' aktar diffikultajiet biex iżommu s-sovranità tal-ikel minħabba l-protezzjoni qawwija tal-varjetajiet l-ġodda tal-pjanti fil-ftehimiet kummerċjali permezz tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (Konvenzjoni tal-UPOV);

18. Jissottolinja li l-importazzjonijiet agrikoli tal-UE jistgħu jimminaw l-azjendi agrikoli ż-żgħar tradizzjonali u b'hekk jipperikolaw l-għajxien tan-nisa.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI<br>FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 21.11.2017 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 13<br>–: 6<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Ignazio Corrao, Mireille D'Ornano, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Maurice Ponga, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Eleftherios Synadinos, Eleni Theocharous, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Thierry Cornillet, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Brian Hayes, Florent Marcellesi, Paul Rübig |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 13 | + |
|---|---|
| ALDE | Thierry Cornillet, Paavo Väyrynen |
| EFDD | Ignazio Corrao |
| GUE/NGL | Lola Sánchez Caldentey |
| NI | Eleftherios Synadinos |
| S&D | Enrique Guerrero Salom, Arne Lietz, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Elly Schlein |
| VERTS/ALE | Maria Heubuch, Florent Marcellesi |

| 6 | - |
|---|---|
| EFDD | Mireille D’Ornano |
| PPE | Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Maurice Ponga, Paul Rübig, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ECR | Eleni Theocharous |
| PPE | Frank Engel, Brian Hayes |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.1.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 45<br>–: 4<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniela Aiuto, Maria Arena, Heinz K. Becker, Malin Björk, Vilija Blinkevičiūtė, Salvatore Cicu, Anna Maria Corazza Bildt, Eleonora Forenza, Iratxe García Pérez, Arne Gericke, Karoline Graswander-Hainz, Anna Hedh, Mary Honeyball, France Jamet, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Jude Kirton-Darling, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Patricia Lalonde, Bernd Lange, Florent Marcellesi, David Martin, Anne-Marie Mineur, Angelika Mlinar, Sorin Moisă, Angelika Niebler, Maria Noichl, Artis Pabriks, Marijana Petir, João Pimenta Lopes, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Tokia Saïfi, Helmut Scholz, Michaela Šojdrová, Ernest Urtasun, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Iuliu Winkler, Jan Zahradil |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Catherine Bearder, Goffredo Maria Bettini, Izaskun Bilbao Barandica, Linnéa Engström, Lívia Járóka, Seán Kelly, Edouard Martin, Clare Moody, Branislav Škripek, Jarosław Wałęsa |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Pilar Ayuso, Jakop Dalunde, José Inácio Faria, Dariusz Rosati, Sven Schulze, Miguel Urbán Crespo |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 45 | + |
|---|---|
| ALDE | Izaskun Bilbao Barandica, Patricia Lalonde, Angelika Mlinar |
| EFDD | Daniela Aiuto |
| GUE/NGL | Malin Björk, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, João Pimenta Lopes, Helmut Scholz, Miguel Urbán Crespo |
| PPE | Pilar Ayuso, Salvatore Cicu, Anna Maria Corazza Bildt, José Inácio Faria, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Seán Kelly, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Sorin Moisă, Angelika Niebler, Dariusz Rosati, Tokia Saïfi, Sven Schulze, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jarosław Wałęsa, Iuliu Winkler |
| S&D | Maria Arena, Goffredo Maria Bettini, Vilija Blinkevičiūtė, Iratxe García Pérez, Karoline Graswander-Hainz, Anna Hedh, Mary Honeyball, Jude Kirton-Darling, Bernd Lange, David Martin, Edouard Martin, Clare Moody, Maria Noichl, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández |
| VERTS/ALE | Jakop Dalunde, Linnéa Engström, Florent Marcellesi, Ernest Urtasun, Monika Vana |

| 4 | - |
|---|---|
| ECR | Arne Gericke, Branislav Škripek, Jan Zahradil |
| PPE | Artis Pabriks |

| 5 | 0 |
|---|---|
| ALDE | Catherine Bearder |
| ENF | France Jamet |
| PPE | Heinz K. Becker, Marijana Petir, Michaela Šojdrová |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni